**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1698/2005**

**tal-20 ta' Settembru 2005**

**dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

(ĠU L 286M, 4.11.2010, p. 26)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1463/2006 tad-19 ta' Ġunju 2006 | L 277 | 1 | 9.10.2006 |
| ►M2 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1944/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 | L 335M | 769 | 13.12.2008 |
| ►M3 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 | L 200M | 536 | 1.8.2007 |
| ►M4 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 146/2008 ta' l-14 ta' Frar 2008 | L 46 | 1 | 21.2.2008 |
| ►M5 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 | L 30 | 100 | 31.1.2009 |
| ►M6 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 473/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 | L 144 | 3 | 9.6.2009 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 48, 16.2.2007, p. 3 (1463/2006)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 64M, 10.3.2009, p. 315 (1944/2006)

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1698/2005

## tal-20 ta' Settembru 2005

## dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36, 37 u 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Politika għall-iżvilupp rurali għandha takkumpanja u tikkumplementa l-politika tas-suq u tal-appoġġ għad-dħul tal-Politika Agrikola Komuni u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi ta' dik il-politika kif stabbiliti fit-Trattat. Il-politika għall-iżvilupp rurali għandha wkoll tieħu kont tal-objettivi ġenerali għall-politika ta' koeżjoni ekonomika u soċjali mniżżla fit-Trattat u tikkontribwixxi għall-kisba tagħhom, waqt li tintegra l-prijoritajiet maġġuri ta' politika l-oħra, kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Lisbona u ta' Göteborg dwar il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli.

(2) Skont it-Trattat, fit-tfassil tal-Politika Agrikola Komuni u l-miżuri speċjali għall-applikazzjoni tagħha, għandu jittieħed kont tan-natura partikolari tal-attività agrikola li tirriżulta mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u mid-differenzi strutturali u naturali bejn id-diversi żoni rurali.

(3) Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni f'Ġunju 2003 u f'April 2004 introduċiet bidliet kbar li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija fit-territorju rurali kollu tal-Komunità f'termini ta' mudelli ta' produzzjoni agrikola, miżuri ta' ġestjoni tal-art, impjieg, u l-kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali aktar ġenerali fid-diversi żoni rurali.

(4) L-azzjoni mill-Komunità għandha tkun komplementari għal dik li ssir mill-Istati Membri jew tfittex li tikkontribwixxi għaliha. Għandha tissaħħaħ is-sħubija permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' tipi differenti ta' msieħba b'rispett sħiħ għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tħejjija, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmazzjoni.

(5) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżvilupp rurali, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri minħabba r-rabtiet bejn dan u l-istrumenti l-oħra tal-Politika Agrikola Komuni, id-differenzi kbar bejn id-diversi żoni rurali u l-limiti tar-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri f'Unjoni mkabbra, u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju permezz tal-garanzija pluriennali tal-finanzi Komunitarji u billi dawn jiġu kkonċentrati fuq il-prijoritajiet tiegħu, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

([1]) Opinjoni tas-7 ta' Ġunju 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

(6) L-attivitajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (minn hawn 'il quddiem "FAEŻR"), u l-operazzjonijiet li jikkontribwixxi għalihom għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli mal-linji ta' politika l-oħra tal-Komunità u għandhom jikkonformaw mal-leġislazzjoni Komunitarja kollha.

(7) Fl-azzjoni tagħha favur l-iżvilupp rurali, il-Komunità tieħu ħsieb li telimina l-inugwaljanzi u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni, f'konformità mat-Trattat.

(8) Sabiex il-kontenut strateġiku tal-politika għall-iżvilupp rurali jiġi ffukat b'mod konformi mal-prijoritajiet tal-Komunità u b'hekk jiffavorixxi t-trasparenza tagħha, il-Kunsill għandu jadotta linji gwida strateġiċi fuq proposta mill-Kummissjoni.

(9) Abbażi tal-linji gwida strateġiċi, kull Stat Membru għandu jħejji l-pjan strateġiku nazzjonali tiegħu għall-iżvilupp rurali li jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għat-tħejjija tal-programmi għall-iżvilupp rurali. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirrapportaw dwar il-monitoraġġ tal-istrateġija nazzjonali u Komunitarja.

(10) Il-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali għandha tikkonforma mal-prijoritajiet Komunitarji u nazzjonali u għandha tikkumplementa l-linji ta' politika Komunitarji l-oħra, b'mod partikolari l-politika tas-suq agrikolu, il-politika ta' koeżjoni u l-Politika Komuni tas-Sajd.

(11) Sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli taż-żoni rurali jeħtieġ li wieħed jiffoka fuq numru limitat ta' objettivi ta' qofol fuq livell Komunitarju relatati mal-kompetittività fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-foresterija, il-ġestjoni tal-art u l-ambjent, il-kwalità tal-għajxien u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet f'dawk l-oqsma, b'kont meħud tad-diversità tas-sitwazzjonijiet, li jvarjaw minn żoni rurali remoti milquta minn tnaqqis fil-popolazzjoni u rigress għal żoni rurali peri-urbani taħt pressjoni dejjem akbar minn ċentri urbani.

(12) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ġenerali għall-programmazzjoni u r-reviżjoni tal-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn l-assi tal-programmi għall-iżvilupp rurali li jikkorrispondu għal dawk l-objettivi ta' qofol. Id-durata tal-programmi għandha tkun ta' seba' snin.

(13) Sabiex jintlaħaq l-objettiv li tittejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u tal-foresterija huwa importanti li jinbnew strateġiji ċari ta' żvilupp immirati lejn it-titjib u l-adattament tal-potenzjal uman, il-potenzjal fiżiku u l-kwalità tal-produzzjoni agrikola.

(14) Rigward il-potenzjal uman, għandu jkun disponibbli sett ta' miżuri dwar it-taħriġ, l-informazzjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien, l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, l-irtirar kmieni ta' bdiewa u ħaddiema agrikoli, l-użu ta' servizzi ta' konsulenza minn bdiewa u detenturi ta' art forestali, u l-istabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli, ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli kif ukoll servizzi ta' konsulenza agrikola u ta' servizzi ta' konsulenza forestali.

▼B

(15) Fir-rigward tat-taħriġ, l-informazzjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien, l-evoluzzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-agrikoltura u l-foresterija jeħtieġu livell adatt ta' taħriġ tekniku u ekonomiku, inkluż kompetenza fit-teknoloġiji ta' informazzjoni l-ġodda, kif ukoll għarfien adatt fl-oqsma tal-kwalità tal-prodotti, tar-riżultati tar-riċerka u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi rekwiżiti ta' kondizzjonalità u l-applikazzjoni ta' prassi ta' produzzjoni kompatibbli maż-żamma u t-titjib tal-pajsaġġ u l-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk jeħtieġ li l-attivitajiet ta' taħriġ, informazzjoni u disseminazzjoni tal-għarfien jiġu offruti lill-persuni adulti kollha li jaħdmu fil-qasam tal-agrikoltura, l-ikel u l-foresterija. Dawn l-attivitajiet ikopru kwistjonijiet li jaqgħu kemm taħt l-objettiv tal-kompetittività agrikola u dik tal-foresterija kif ukoll taħt l-objettiv tal-ġestjoni tal-art u l-ambjent.

(16) L-għoti ta' benefiċċji speċifiċi lill-bdiewa żgħażagħ jista' jiffaċilita kemm l-istabbiliment inizjali tagħhom kif ukoll l-aġġustament strutturali tal-azjendi tagħhom wara l-istabbiliment inizjali tagħhom. Il-miżura għall-istabbiliment għandha tkun bil-kondizzjoni li jiġi stabbilit pjan kummerċjali bħala strument li jiżgura biż-żmien l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-azjenda agrikola l-ġdida.

(17) L-irtirar kmieni mill-biedja għandu jimmira għal bidla strutturali sinifikanti tal-azjendi ttrasferiti permezz tal-miżura għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ skont ir-rekwiżiti ta' dik il-miżura, jew billi l-azjenda tiġi ttrasferita bil-ħsieb li titkabbar, b'kont meħud ukoll tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' skemi Komunitarji preċedenti f'dan il-qasam.

(18) L-użu ta' servizzi ta' ġestjoni u ta' konsulenza mill-bdiewa u detenturi ta' art forestali għandu jippermettilhom itejbu l-ġestjoni sostenibbli tal-azjendi agrikoli tagħhom. L-użu ta' servizzi ta' konsulenza agrikola, kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta’ Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta’ appoġġ fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa [1], għandu jgħin lill-bdiewa jivvalutaw il-prestazzjoni tal-azjenda agrikola tagħhom u jidentifikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni mniżżla f'dak ir-Regolament u tal-istandards Komunitarji relatati mas-sigurtà fuq ix-xogħol.

(19) L-istabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli, ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli u ta' konsulenza agrikola għall-bdiewa u s-servizzi ta' konsulenza forestali għad-detenturi ta' art forestali għandhom jgħinuhom jadattaw, itejbu u jiffaċilitaw il-ġestjoni u jtejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi tagħhom billi jitkabbar iżjed il-potenzjal uman li jaħdem fis-settur tal-agrikoltura u tal-foresterija.

(20) Fir-rigward tal-potenzjal fiżiku, għandhom ikunu disponibbli sett ta' miżuri dwar il-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, it-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti, iż-żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u forestali, il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u tal-ikel u fis-settur tal-foresterija, it-titjib u l-iżvilupp tal-infrastruttura agrikola u forestali, ir-rikostituzzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola fejn saret ħsara minnħabba diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' miżuri adatti ta' prevenzjoni.

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

▼B

(21) L-għan tal-għajnuna Komunitarja għall-investiment fl-azjendi agrikoli huwa li jiġu modernizzati l-azjendi agrikoli biex titjieb il-prestazzjoni ekonomika tagħhom permezz tal-użu aħjar tal-fatturi ta' produzzjoni, li jinkludi, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u ta' innovazzjoni, filwaqt li jiġu ppreferuti l-kwalità, il-prodotti organiċi u d-diversifikazzjoni intra u extra-azjendali, inklużi s-setturi li mhux tal-ikel u tal-prodotti tar-raba' enerġetiċi, kif ukoll it-titjib tas-sitwazzjoni ambjentali, tas-sigurtà fuq ix-xogħol, tal-iġjene u tat-trattament xieraq tal-annimali fl-azjendi agrikoli, filwaqt li tissimplifika l-kondizzjonijiet għall-għajnuna għall-investiment meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) ([1]).

(22) Il-foresti privati għandhom rwol importanti fl-attività ekonomika fiż-żoni rurali u, għalhekk, l-għajnuna Komunitarja hija importanti sabiex ittejjeb u tiddiversifika l-valur ekonomiku tagħhom, biex iżżid id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni u ttejjeb l-opportunitajiet tas-suq, f'setturi bħal dak tal-enerġija rinnovabbli, waqt li żżomm il-ġestjoni sostenibbli u r-rwol multifunzjonali tal-foresti.

(23) Għandu jitħeġġeġ it-titjib fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli u forestali primarji permezz ta' appoġġ għall-investimenti li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza fis-settur tal-ipproċessar u dak tal-kummerċjalizzazzjoni, li jippromovu l-ipproċessar tal-produzzjoni agrikola u forestali għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li jintroduċu teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, li jiftħu opportunitajiet ġodda fis-suq għall-prodotti agrikoli u forestali, li jtejbu l-kwalità, li jżidu l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent, tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-iġjene u t-trattament xieraq tal-annimali, skont il-każ, billi, bħala regola ġenerali, jiffukaw fuq il-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u intrapriżi oħra taħt ċertu daqs, li huma f'pożizzjoni aħjar biex iżidu l-valur tal-prodotti lokali, waqt li jiġu ssimplifikati wkoll il-kondizzjonijiet għall-għajnuna għall-investiment meta mqabbel ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

(24) F'kuntest ta' kompetizzjoni akbar, huwa importanti li jiġi żgurat li s-settur agrikolu u tal-ikel u s-settur tal-foresterija jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-suq permezz ta' approċċi innovattivi ġeneralizzati fl-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda. Għal dan il-għan għandha titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-bdiewa, l-industrija tal-ikel u tal-ipproċessar tal-materja prima u partijiet oħra.

(25) L-infrastruttura agrikola u l-miżuri preventivi u ta' rikostituzzjoni kontra d-diżastri naturali għandhom jikkontribwixxu għall-assi marbut mal-kompetittività tal-agrikoltura u tal-foresterija.

(26) Fir-rigward tal-kwalità tal-produzzjoni u l-prodotti agrikoli, għandu jkun disponibbli sett ta' miżuri li għandhom l-għan li jgħinu lill-bdiewa jikkonformaw mal-istandards ibbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja, li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-iskemi ta' kwalità tal-ikel u li jsostnu l-gruppi ta' produtturi fl-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2223/2004 (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 1).

▼B

(27) L-għan tal-miżura dwar il-konformità mal-istandards huwa li tiġi promossa implimentazzjoni iżjed rapida mill-bdiewa tal-istandards għoljin ibbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja rigward l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-rispett ta' dawn l-istandards mill-istess bdiewa. Dawn l-istandards jistgħu jimponu obbligi ġodda fuq il-bdiewa u b'hekk għandu jingħata appoġġ biex jgħinhom ikopru parzjalment l-ispejjeż addizzjonali jew id-dħul mitluf li jirriżultaw minn dawn l-obbligi.

(28) L-għan tal-miżura li tipprovdi appoġġ lill-bdiewa li qed jipparteċipaw fl-iskemi Komunitarji jew nazzjonali ta' kwalità tal-ikel huwa li l-konsumaturi jingħataw assigurazzjonijiet dwar il-kwalità tal-prodott jew il-proċess ta' produzzjoni użat bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn l-iskemi, sabiex jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli primarji u jittejbu l-opportunitajiet tas-suq. Peress li l-parteċipazzjoni fi skemi bħal dawn tista' tirriżulta fi spejjeż addizzjonali u obbligi li mhumiex kompletament ikkumpensati mis-suq, il-bdiewa għandhom jiġu mħeġġa jipparteċipaw fi skemi bħal dawn.

(29) Jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu sensibilizzati dwar l-eżistenza u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti koperti mill-iskemi ta' kwalità msemmija hawn fuq. Għandu jingħata appoġġ lill-gruppi ta' produtturi sabiex jinfurmaw lill-konsumaturi u jippromovu l-prodotti koperti mill-skemi ta' kwalità sostnuti mill-Istati Membri fil-programmi tagħhom għall-iżvilupp rurali.

(30) Jeħtieġ li tiġi żgurata t-transizzjoni bla xkiel ta' sett ta' miżuri individwali introdotti permezz tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, jiġifieri l-miżura dwar il-biedja ta' semi-sussistenza u l-miżura dwar il-gruppi ta' produtturi.

(31) L-appoġġ għall-metodi speċifiċi ta' ġestjoni tal-art għandu jikkontribbwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi jinkoraġġixxi lill-bdiewa u b'mod partikolari lid-detenturi ta' art forestali biex jagħmlu użu minn metodi ta' użu tal-art li huma kompatibbli mal-ħtieġa li jiġu ssalvagwardati l-ambjent naturali u l-pajsaġġ u li jiġu protetti u jittejbu r-riżorsi naturali. Dan għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju dwar l-Ambjent u tal-konklużjonijiet tal-Presidenzja dwar l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli. Il-kwistjonijiet ċentrali li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-bijodiversità, il-ġestjoni tas-siti Natura 2000, il-protezzjoni tal-ilma u l-ħamrija, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonja u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

(32) Il-foresterija hija parti integrali tal-iżvilupp rurali u l-appoġġ għall-użu sostenibbli tal-art għandu jinkludi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tagħhom. Il-foresti joħolqu ħafna benefiċċji: huma jipprovdu l-materja prima għall-prodotti rinnovabbli u li mhumiex ta' ħsara għall-ambjent u għandhom rwol importanti għall-prosperità ekonomika, għad-diversità bijoloġika, għaċ-ċiklu globali tal-karbonju, għall-bilanċ tal-ilma, għall-kontroll tal-erożjoni u l-prevenzjoni tal-perikli naturali, kif ukoll jipprovdu servizzi soċjali u rikreattivi. Il-miżuri forestali għandhom jiġu adottati fid-dawl tal-impenji meħuda mill-Komunità u l-Istati Membri fil-livell internazzjonali, u għandhom ikunu bbażati fuq il-programmi forestali nazzjonali

▼B

jew subnazzjonali tal-Istati Membri jew fuq strumenti ekwivalenti, b'kont meħud tal-impenji meħuda fil-Konferenzi Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Il-miżuri forestali għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Forestali tal-Komunità. Dan l-appoġġ għandu jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u m'għandux jinfluwenza s-suq.

(33) Il-pagamenti marbuta ma' żvantaġġi naturali favur żoni tal-muntanji u l-pagamenti favur żoni oħra bi żvantaġġi għandhom jikkontribwixxu, permezz tal-użu kontinwu tal-art agrikola, għaż-żamma tal-kampanja kif ukoll għaż-żamma u l-promozzjoni ta' sistemi ta' biedja sostenibbli. Għandhom jiġu stabbiliti parametri oġġettivi sabiex jiġi ffissat livell ta' pagamenti biex b'hekk tiġi żgurata l-effiċjenza ta' din l-iskema ta' appoġġ u li jinkisbu l-għanijiet tagħha. Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għal żoni anqas vantaġġati għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perijodu ta’ żmien.

(34) Għandu jibqa' jingħata appoġġ lill-bdiewa biex ikunu jistgħu jindirizzaw, fiż-żoni kkonċernati, l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi [1] u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [2], sabiex jingħata kontribut għall-ġestjoni effettiva tas-siti Natura 2000, filwaqt li għandu jingħata wkoll appoġġ lill-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw, f'żoni ta' baċir tax-xmajjar, l-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [3].

(35) Il-pagamenti agro-ambjentali għandu jibqa' jkollhom rwol prominenti fl-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u fir-rispons għad-domanda dejjem tikber tas-soċjetà għal servizzi ambjentali. Barra minn hekk għandhom jinkoraġġixxu lill-bdiewa u amministraturi oħra tal-art biex iservu s-soċjetà fl-intier tagħha billi jintroduċu jew ikomplu japplikaw metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mal-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tiegħu, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija u d-diversità ġenetika. F'dan il-kuntest, il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għandha tingħata attenzjoni speċifika. Skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas dawn il-pagamenti għandhom ikopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti.

(36) Il-bdiewa għandhom ikomplu jiġu mħeġġa jadottaw standards għolja fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali billi jipprevedu appoġġ għall-bdiewa li jintrabtu li jadottaw standards tat-trobbija tal-bhejjem li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti.

(37) L-appoġġ għandu jingħata għal investimenti mingħajr rimunerazzjoni fejn dawn ikunu meħtieġa biex jintlaħqu l-impenji meħuda taħt l-iskemi agro-ambjentali u objettivi agro-ambjentali oħra, jew fejn, fl-azjenda, dawn isaħħu l-utilità pubblika taż-żoni Natura 2000 u żoni oħra ta' valur naturali kbir.

---

[1] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

[2] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[3] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

▼B

(38) Sabiex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent, għall-prevenzjoni tal-perikli naturali u n-nirien, kif ukoll għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ir-riżorsi forestali għandhom ikunu estiżi u mtejba permezz ta' afforestazzjoni inizjali tal-art agrikola u art mhux agrikola. Kull afforestazzjoni inizjali għandha tkun adattata għall-kondizzjonijiet lokali u għandha tkun kompatibbli mal-ambjent u ssaħħaħ il-bijodiversità.

(39) Is-sistemi agro-forestali għandhom valur ekoloġiku u soċjali kbir peress li jgħaqqdu flimkien is-sistemi agrikoli estensivi u dawk forestali, bil-għan ta' produzzjoni ta' injam ta' kwalità għolja u prodotti forestali oħra. L-istabbiliment tagħhom għandu jingħata appoġġ.

(40) Minħabba l-importanza tal-foresti għall-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE, għandu jingħata appoġġ speċifiku lid-detenturi ta' art forestali biex ikunu jistgħu jindirizzaw problemi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tagħhom.

(41) Għandhom jiġu introdotti pagamenti favur l-ambjent forestali għall-impenji volontarji biex tissaħħaħ il-bijodiversità, jiġu ppreservati l-ekosistemi forestali ta' valur kbir u jissaħħaħ il-valur protettiv tal-foresti fir-rigward tal-erożjoni tal-ħamrija, il-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma u l-kwalità tal-ilma u l-perikli naturali.

(42) Għandu jingħata appoġġ għar-rikostituzzjoni tal-potenzjal forestali f'foresti li saritilhom il-ħsara minħabba diżastri naturali u nirien u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet preventivi. L-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikopru ż-żoni li l-Istati Membri jikklassifikaw bħala żoni ta' riskju ta' nirien għoli jew medju skont il-pjanijiet tagħhom ta' protezzjoni forestali.

(43) Għandu jingħata appoġġ lid-detenturi ta' art forestali għal investimenti mingħajr rimunarazzjoni fejn ikunu meħtieġa biex jinkisbu l-impenji fil-qasam tal-ambjent forestali jew objettivi ambjentali oħra, jew f'foresti biex jissaħħaħ il-valur tal-utilità pubblika taż-żoni kkonċernati.

(44) Sabiex jiġi żgurat l-użu mmirat u effiċjenti tal-appoġġ għall-ġestjoni tal-art taħt dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiddelimitaw żoni għal interventi taħt ċerti miżuri ta' dan l-assi. Iż-żoni tal-muntanji u żoni oħra bi żvantaġġi għandhom jiġu delimitati abbażi ta' kriterji oġġettivi komuni. Għalhekk, id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jadottaw listi ta' żoni anqas vantaġġati jew li jemendaw tali listi f'konformità mal-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 950/97 tal-20 ta' Mejju 1997 dwar it-titjib fl-effiċjenza tal-istrutturi agrikoli [1], għandhom jitħassru b'effett minn data aktar tard. Iz-żoni Natura 2000 huma delimitati f'konformità mad-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE. L-Istati Membri għandhom jiddelimitaw żoni adattati għall-afforestazzjoni għal raġunijet ambjentali, bħall-protezzjoni kontra l-erożjoni, il-prevenzjoni ta' perikli naturali jew l-estensjoni tar-riżorsi forestali li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u z-żoni forestali b'riskju ta' nirien forestali medju-għoli.

(45) Għandha tiġi stabbilita sistema ta' pieni għal benefiċjarji li jirċievu pagamenti taħt ċerti miżuri ta' ġestjoni tal-art u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti obbligatorji previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-azjenda kollha tagħhom, b'kont meħud tal-gravità, l-estensjoni, il-persistenza u r-repetizzjoni tan-non-konformità.

---

[1] ĠU L 142, 2.6.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

▼B

(46) Jeħtieġ li l-bidliet fiż-żoni rurali jkunu akkumpanjati billi tingħatalhom għajnuna biex jiddiversifikaw l-attivitajiet ta' biedja lejn attivitajiet non-agrikoli u jiżviluppaw setturi non-agrikoli, jippromovu l-impjiegi, itejbu s-servizzi bażiċi, inkluż l-aċċess lokali għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICTs) u jagħmlu investimenti biex iż-żoni rurali jsiru iżjed attraenti sabiex jaqilbu x-xejriet lejn rigress ekonomiku u soċjali u t-tnaqqis tal-popolazzjoni fil-kampanja. F'dan ir-rigward huwa meħtieġ ukoll sforz biex jissaħħaħ il-potenzjal uman.

(47) Għandu jingħata appoġġ għal miżuri oħra relatati mal-ekonomija rurali iżjed ġenerali. Il-lista tal-miżuri għandha tkun definita abbażi tal-esperjenza mill-inizjattiva Leader u b'kont meħud tal-ħtiġijiet multi-settorjali għall-iżvilupp rurali endoġenu.

(48) L-implimentazzjoni tal-istrateġiji lokali ta' żvilupp jistgħu jsaħħu l-koerenza territorjali u s-sinerġiji bejn il-miżuri maħsuba b'mod ġenerali għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali. Għalhekk, il-miżuri relatati mal-ekonomija rurali ġenerali għandhom ikunu preferibbilment implimentati permezz ta' strateġiji lokali ta' żvilupp.

(49) Jeħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-prinċipji ta' koerenza u komplementarjetà tal-assi għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali ma' strumenti finanzjarji Komunitarji oħra, u b'mod partikolari ma' dawk tal-politika ta' Koeżjoni.

(50) L-Inizjattiva Leader, wara li għaddiet minn tliet perijodi ta' programmazzjoni, laħqet livell ta' maturità li jippermetti li ż-żoni rurali jimplimentaw l-approċċ Leader b'mod aktar ġenerali fil-programmazzjoni ġenerali għall-iżvilupp rurali. Għalhekk għandu jsir provvediment biex il-prinċipji bażiċi tal-approċċ Leader jiġu trasferiti fil-programmi filwaqt li fihom jinbena assi speċifiku, u jiġu ddefiniti l-gruppi ta' azzjoni lokali u l-miżuri li għandhom jiġu appoġġati, b'mod partikolari l-kapaċità ta' sħubija, l-implimentazzjoni ta' strateġiji lokali, il-kooperazzjoni, in-networking u l-kisba ta' kompetenzi.

(51) Minħabba l-importanza tal-approċċ Leader, sehem sostanzjali tal-kontribut tal-FAEŻR għandu jkun assenjat għal dan l-assi.

(52) Il-FAEŻR għandu jappoġġa, permezz ta' assistenza teknika, azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-programmi. Bħala parti mill-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), għandu jiġi stabbilit netwerk għall-iżvilupp rurali fuq livell Komunitarju.

(53) Għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi disponibbli. Dawn ir-riżorsi għandhom ikunu konsistenti mal-perspettiva finanzjarja għall-perijodu mill-2007 sal-2013. L-ammont globali għall-iżvilupp rurali għandu jiġi allokat kull sena. Għandha tkun konċessa konċentrazzjoni sinifikanti fuq ir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza.

(54) Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet biex il-Kunsill ikun jista' jiddetermina l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali u l-ammont minimu li għandu jkun kkonċentrat fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza f'konformità mal-perspettiva finanzjarja għall-perijodu mill-2007 sal-2013 u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja għall-istess perijodu.

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

(55) L-approprjazzjonijiet annwali allokati lil Stat Membru għall-Objettiv ta' Konverġenza taħt il-Fondi għall-parti li ġejja mis-Sezzjoni Gwida tal-FAEGG, il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni (minn hawn 'il quddiem “FK”) u l-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (1) (minn hawn 'il quddiem “SFGS”) għandhom ikunu limitati għal limitu massimu fiss fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment ta' dak l-Istat.

(56) Għat-tqassim indikattiv tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli għall-Istati Membri għandhom ikunu stabbiliti kriterji skont metodu oġġettiv u trasparenti.

(57) Minbarra dawn l-ammonti, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-ammonti previsti fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(58) L-approprjazzjonijiet disponibbli taħt il-Fondi għandhom ikunu indiċjati b'rata fissa għall-programmazzjoni tagħhom.

(59) Ir-rata tal-kontribut tal-FAEŻR għall-programmazzjoni għall-iżvilupp rurali għandha tiġi stabbilita b'rabta mal-ispiża pubblika fl-Istati Membri, b'kont meħud tal-importanza tal-prijorità mogħtija lill-ġestjoni tal-art u l-ambjent, is-sitwazzjoni fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza u l-prijorità mogħtija lill-approċċ Leader.

(60) Sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi u l-problemi strutturali fl-attivitajiet tal-biedja u l-foresterija u fiż-żieda tal-valur għall-prodotti agrikoli u forestali bħala riżultat tal-fatt tad-distanza, tal-insularità jew tal-lokalità mbiegħda u tad-dipendenza tal-ekonomija rurali fuq numru limitat ta' prodotti agrikoli, u sabiex tiġi promossa politika ta' żvilupp rurali b'saħħitha, dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti miżuri għall-iżvilupp rurali, kif ukoll rati ta' kofinanzjament adatti mill-FAEŻR għandhom japplikaw fir-reġjuni l-iktar imbiegħda msemmija fit-Trattat u fil-gżejjer koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-Gżejjer tal-Eġew iż-żgħar rigward ċerti prodotti agrikoli (2).

(61) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u soġġett għal eċċezzjonijiet, għandu jkun hemm regoli nazzjonali dwar l-eliġibbilità tal-ispejjeż.

(62) Biex jiġu żgurati l-effettività, l-ekwità u l-impatt sostenibbli tal-assistenza mill-FAEŻR, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet li jiggarantixxu li operazzjonijiet relatati mal-investiment ikunu dejjiema u li jevitaw li dan il-fond jintuża għall-kompetizzjoni inġusta.

(63) L-implimentazzjoni deċentralizzata tal-azzjonijiet taħt il-FAEŻR għandha tiġi akkumpanjata minn garanziji, b'mod partikolari dwar il-kwalità tal-implimentazzjoni, ir-riżultati, il-ġestjoni finanzjarja soda u l-kontroll.

(64) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet bażiċi li kwalunkwe sistema ta' ġestjoni u kontroll għandha tiżgura. Għalhekk jeħtieġ li tinżamm l-għażla ta' Awtorità ta' Ġestjoni unika u li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tagħha.

---

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

(2) ĠU L 184, 27.7.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

▼B

(65) Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jkun soġġett għal monitoraġġ adatt, minn Kumitat ta' Monitoraġġ, abbażi ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbilit u implimentat bi sħab mal-Istati Membri, biex jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-iżvilupp rurali b'mod effettiv.

(66) L-effikaċja u l-impatt tal-azzjonijiet taħt il-FAEŻR jiddependu wkoll minn evalwazzjoni mtejba abbażi tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. B'mod partikolari, il-programmi għandhom jiġu evalwati għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-konklużjoni tagħhom.

(67) Sabiex is-sħubija tkun tista' taħdem b'mod effettiv u tiġi promossa l-azzjoni Komunitarja, l-informazzjoni dwarha għandha tkun pubbliċizzata kemm jista' jkun. L-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-programmi għandhom reponsabbiltà f'dan ir-rigward.

(68) L-iżvilupp rurali kif definit f'dan ir-Regolament għandu jkun eliġibbli għall-appoġġ mill-Istati Membri mingħajr kofinanzjament Komunitarju. Minħabba l-impatt ekonomiku ta' tali għajnuna u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-miżuri eliġibbli għall-appoġġ Komunitarju u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat, b'kont meħud ukoll tal-esperjenza mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jagħtu għajnuna mill-Istat, maħsuba biex tipprovdi finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali li għalih jingħata l-appoġġ Komunitarju, taħt proċedura ta' notifika f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bħala parti mill-programmazzjoni.

(69) Jeħtieġ li jiġu adottati regoli li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-iskema ta' appoġġ eżistenti għall-iskema l-ġdida ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali.

(70) L-iskema l-ġdida ta' appoġġ prevista f'dan ir-Regolament tissostitwixxi l-iskema ta' appoġġ eżistenti. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jiġi revokat mill-1 ta’ Jannar 2007 bl-eċċezzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet dwar żoni anqas vantaġġati li għandhom jitħassru f’data aktar tard.

(71) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(72) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta Opinjoni ([2]).

(73) Il-Kumitat tar-Reġjuni ta Opinjoni ([3]),

---

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) Opinjoni tad-9 ta' Marzu 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni tat-23 ta' Frar 2005 (ĠU C 164, 5.7.2005, p. 18).

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

# OBJETTIVI U REGOLI ĠENERALI DWAR L-ASSISTENZA

KAPITOLU I

## KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament:

1) jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw l-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali, iffinanzjat mill-FAEŻR, stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005;

2) jiddefinixxi l-Objettivi li għalihom għandha tikkontribwixxi l-politika għall-iżvilupp rurali;

3) jiddefinixxi l-kuntest strateġiku għall-politika għall-iżvilupp rurali, inkluż il-metodu biex jiġu stipulati l-linji gwida strateġiċi tal-Komunità għall-politika għall-iżvilupp rurali (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida strateġiċi tal-Komunità") u l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali;

4) jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-miżuri għall-iżvilupp rurali;

5) jistabbilixxi r-regoli dwar is-sħubija, il-programmazzjoni, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-monitoraġġ u l-kontroll abbażi tar-responsabbiltajiet kondiviżi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "programmazzjoni": il-proċess ta' organizzazzjoni, teħid ta' deċiżonijiet u finanzjament f'diversi stadji maħsub għall-implimentazzjoni, fuq bażi pluriennali, tal-azzjoni konġunta mill-Komunità u l-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet prijoritarji tal-FAEŻR;

(b) "reġjun": unità territorjali li tikkorrispondi għal-livell 1 jew 2 tan-Nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (livell NUTS 1 u 2) fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([1]);

(c) "assi": grupp koerenti ta' miżuri b'għanijiet speċifiċi li jirriżultaw direttament mill-implimentazzjoni;

---

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

▼B

(d) “miżura”: sett ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' assi kif imsemmi fl-Artikolu 4(2);

(e) “operazzjoni”: proġett, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra magħżula skont kriterji stabbiliti għall-programm għall-iżvilupp rurali kkonċernat u implimentat minn wieħed jew aktar mill-benefiċjarji li jippermetti l-kisba tal-objettivi mniżżla fl-Artikolu 4;

(f) “qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni”: approċċ ġenerali żviluppat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li jiddefinixxi numru limitat ta' indikaturi komuni relatati mas-sitwazzjoni bażi u l-eżekuzzjoni finanzjarja, il-prodotti, ir-riżultati u l-impatti tal-programmi;

(g) “strateġija lokali ta' żvilupp”: sett koerenti ta' operazzjonijiet biex jintlaħqu l-objettivi u l-ħtiġijiet lokali implimentati fi sħubija fil-livell adatt;

(h) “benefiċjarju”: operatur, korp jew kumpannija, kemm pubblika jew privata, responsabbli għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet jew biex tirċievi appoġġ;

(i) “nefqa pubblika”: kull kontribut pubbliku għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li joriġina mill-baġit tal-Istat, tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali, tal-Komunitajiet Ewropej u kull nefqa simili. Kull kontribut għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li joriġina mill-baġit ta' korpi pubbliċi legali jew assoċjazzjonijiet ta' awtorità reġjonali jew lokali waħda jew aktar jew korpi pubbliċi legali fis-sens tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]) għandhom jitqiesu bħala kontribut pubbliku;

(j) “Objettiv ta' Konverġenza”: l-objettiv tal-azzjoni għall-Istati Membri u reġjuni l-inqas żviluppati skont il-leġislazzjoni Komunitarja li tirregola l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (minn hawn 'il quddiem “FEŻR”), il-Fond Soċjali Ewropew (minn hawn 'il quddiem “FSE”) u l-FK għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013.

KAPITOLU II

## MISSJONIJIET U OBJETTIVI

*Artikolu 3*

### Missjonijiet

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-iżvilupp rurali sostenibbli fil-Komunità kollha b'mod komplementari għal-linji ta' politika ta' appoġġ għas-suq u għad-dħul tal-Politika Agrikola Komuni, għall-Politika ta' Koeżjoni u għall-Politika Komuni tas-Sajd.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

▼B

*Artikolu 4*

**Objettivi**

1. L-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi li ġejjin:

(a) it-titjib tal-kompetittività tal-agrikoltura u l-foresterija permezz ta' appoġġ għar-ristritturazzjoni, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) it-titjib tal-ambjent u l-kampanja permezz ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-art;

(c) it-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika.

2. L-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati permezz tal-erba' assi definiti fit-Titolu IV.

KAPITOLU III

**PRINĊIPJI TAL-ASSISTENZA**

*Artikolu 5*

**Komplementarjetà, konsistenza u konformità**

1. Il-FAEŻR għandu jikkomplementa l-azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza mill-FAEŻR u l-Istati Membri tkun konsistenti mal-attivitajiet, il-linji ta' politika u l-prijoritajiet tal-Komunità. B'mod partikolari, l-assistenza tal-FAEŻR għandha tkun konsistenti mal-objettivi tal-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali u dawk tal-istrument Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd.

3. Din il-konsistenza għandha tkun prevista mil-linji gwida strateġiċi tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 9, il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 11, il-programmi għall-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 15 u r-rapport tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 14.

4. F'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni bejn l-assistenza mill-Fondi differenti, il-FEŻR, il-FSE, il-FK, l-istrument Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd, u l-interventi tal-Bank Ewropew tal-Investiment (minn hawn 'il quddiem il-"BEI"), u tal-istrumenti finanzjarji l-oħra tal-Komunità.

5. Għandu jkun hemm ukoll konsistenza mal-miżuri ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

6. Ebda appoġġ taħt dan ir-Regolament m'għandu jingħata għall-iskemi eliġibbli għal appoġġ taħt l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq, soġġett għal kwalunkwe eċċezzjoni li għad trid tiġi definita, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FAEŻR huma konformi mat-Trattat u kwalunkwe att adottat skont dan.

▼B

*Artikolu 6*

**Sħubija**

1. L-assistenza mill-FAEŻR għandha tkun implimentata permezz ta' konsultazzjonijiet mill-qrib (minn hawn 'il quddiem "sħubija") bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u mal-awtoritajiet u l-korpi magħżula mill-Istat Membru skont ir-regoli u l-prassi nazzjonali, inkluż:

(a) l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali u awtoritajiet pubbliċi oħrajn;

(b) l-imsieħba ekonomiċi u soċjali;

(c) kwalunkwe korp ieħor adatt li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet non-governattivi, inkluż l-organizzazzjonijiet ambjentali, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

L-Istat Membru għandu jagħżel l-imsieħba li huma l-aktar rappreżentattivi fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali u fl-isfera ekonomika, soċjali, ambjentali jew fi sfera oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa "imsieħba"). Huwa għandu joħloq il-kondizzjonijiet għall-involviment ġenerali u effettiv tal-korpi kollha adatti, f'konformità mar-regoli u l-prassi nazzjonali, b'kont meħud tal-ħtieġa għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-integrazzjoni tar-rekwiżiti għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent.

2. Is-sħubija għandha titmexxa b'rispett debitu għar-responsabbiltajiet istituzzjonali, legali u finanzjarji rispettivi ta' kull kategorija ta' msieħba kif definiti fil-paragrafu 1.

3. Is-sħubija għandha tkun involuta fit-tħejjija u l-monitoraġġ ta' pjan strateġiku nazzjonali u fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-imsieħba adatti kollha fl-istadji diversi ta' programmazzjoni, b'kont debitu meħud tal-limitu ta' żmien stabbilit għal kull pass.

*Artikolu 7*

**Sussidjarjetà**

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali fil-livell territorjali adatt, skont l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u non-diskriminazzjoni**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u għandhom jiżguraw il-prevenzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali matul l-istadji diversi tal-implimentazzjoni tal-programm.

Dan jinkludi l-istadji tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

▼B

TITOLU II

## L-APPROĊĊ STRATEĠIKU GĦALL-IŻVILUPP RURALI

KAPITOLU I

### IL-LINJI GWIDA STRATEĠIĊI TAL-KOMUNITÀ

*Artikolu 9*

**Kontenut u adozzjoni**

1. Il-Kunsill għandu jadotta linji gwida strateġiċi tal-Komunità għall-politika ta' żvilupp rurali għall-perijodu ta' programmazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 fid-dawl tal-prijoritajiet tal-politika stabbiliti fil-livell Komunitarju.

Dawn il-linji gwida strateġiċi għandhom jistipulaw il-prijoritajiet strateġiċi fil-livell Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu ta' programmazzjoni bil-ħsieb li jiġu implimentati kull wieħed mill-assi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Sal-20 ta’ Frar 2006, għandha tiġi adottata deċiżjoni dwar il-linji gwida strateġiċi tal-Komunità f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat. Id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 10*

**Reviżjoni**

Bil-ħsieb li jitqiesu l-bidliet prinċipali b'mod partikolari fil-prijoritajiet Komunitarji, il-linji gwida strateġiċi tal-Komunità jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni.

KAPITOLU II

### PJANIJIET STRATEĠIĊI NAZZJONALI

*Artikolu 11*

**Kontenut**

1 Kull Stat Membru għandu jippreżenta pjan strateġiku nazzjonali li jindika l-prijoritajiet tal-azzjoni tal-FAEŻR u tal-Istat Membru kkonċernat b'kont meħud tal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità, l-objettivi speċifiċi tagħhom, il-kontribut mill-FAEŻR u r-riżorsi finanzjarji l-oħra.

2 Il-pjan strateġiku nazzjonali għandu jiżgura li l-għajnuna Komunitarja għall-iżvilupp rurali tkun konsistenti mal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità u li l-prijoritajiet Komunitarji, nazzjonali u reġjonali jkunu kkoordinati bejniethom. Il-pjan strateġiku nazzjonali għandu jkun għodda ta' referenza għat-tħejjija tal-programmazzjoni tal-FAEŻR. Dan għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi għall-iżvilupp rurali.

3. Kull pjan strateġiku nazzjonali għandu jinkludi:

(a) evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali u tal-potenzjal għall-iżvilupp;

▼B

(b) l-istrateġija magħżula għall-azzjoni konġunta mill-Komunità u l-Istat Membru kkonċernat, li turi l-konsistenza tal-għażliet magħmula mal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità;

(c) il-prijoritajiet tematiċi u territorjali għall-iżvilupp rurali taħt kull assi, inkluż l-objettivi prinċipali kwantifikati u l-indikaturi adatti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

▼M5

(d) lista tal-programmi tal-iżvilupp rurali li jimplimentaw il-pjan ta' strateġija nazzjonali, allokazzjoni indikattiva mill-FAEŻR għal kull programm, inklużi l-ammonti previsti fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, u indikazzjoni separata tal-ammonti previsti fl-Artikolu 69(5a) ta' dan ir-Regolament.

▼B

(e) il-mezzi biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mal-istrumenti l-oħra tal-Politika Agrikola Komuni, il-FEŻR, il-FSE, il-FK, l-istrument Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd, u l-BEI;

(f) jekk adatt, il-baġit biex jinkiseb l-Objettiv ta' Konverġenza;

(g) deskrizzjoni tal-arranġamenti u l-indikazzjoni tal-ammont assenjat għall-istabbiliment tan-netwerk rurali nazzjonali msemmi fl-Artikoli 66(3) u 68.

*Artikolu 12*

**Tħejjija**

1. Kull Stat Membru għandu jħejji pjan strateġiku nazzjonali wara li jiġu adottati l-linji gwida strateġiċi tal-Komunità.

Dan il-pjan għandu jitħejja f'konformità mal-arranġamenti istituzzjonali tal-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6. Dan għandu jitfassal f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

2. Kull Stat Membru għandu jibgħat il-pjan strateġiku nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni qabel ma jippreżenta l-programmi tiegħu għall-iżvilupp rurali.

▼M6

*Artikolu 12a*

**Reviżjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jirrivedu, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(1), il-pjani ta' strateġija nazzjonali tagħhom skont ir-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif imsemmija fl-Artikolu 10.

2. Il-pjan ta' strateġija nazzjonali rivedut imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintbagħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard mil-15 ta' Lulju 2009.

▼B

KAPITOLU III

**MONITORAĠĠ STRATEĠIKU**

*Artikolu 13*

**Rapporti fil-qosor mill-Istati Membri**

1. Għall-ewwel darba fl-2010 u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru kull sentejn, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport fil-qosor li jfisser il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku nazzjonali tiegħu u tal-objettivi tiegħu u l-kontribut tiegħu għat-twettiq tal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità. L-aħħar rapport fil-qosor għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2014.

2. Ir-rapport għandu jagħti sommarju tar-rapporti ta' progress annwali tas-snin preċedenti msemmija fl-Artikolu 82 u għandu jiddeskrivi b'mod partikolari:

(a) il-kisbiet u r-riżultati tal-programmi għall-iżvilupp rurali rigward l-indikaturi stabbiliti fil-pjan strateġiku nazzjonali;

(b) ir-riżultati tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni li qed isiru għal kull programm.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għal programmi singoli kif imsemmija fl-Artikolu 15(2), l-Istati Membri jistgħu jinkludu fir-rapporti annwali ta' progress imsemmija fl-Artikolu 82, l-elementi previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu sa l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 82.

*Artikolu 14*

**Rapport tal-Kummissjoni**

1. Għall-ewwel darba fl-2011 u fil-bidu ta' kull perijodu ta' sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jiddeskrivi fil-qosor l-iżviluppi, ix-xejriet u l-isfidi prinċipali marbuta mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tiegħu u l-linji gwida strateġiċi tal-Komunità. L-aħħar rapport tal-Kummissjoni għandu jiġi ppreżentat fil-bidu tal-2015.

Dan ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-analiżi tal-Kummisjoni u l-valutazzjoni tar-rapporti fil-qosor tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 13 u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli. Huwa għandu jindika l-miżuri meħuda jew li jridu jittieħdu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex jiġi pprovdut segwitu xieraq għall-konklużjonijiet fir-rapport.

2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

▼B

TITOLU III

**PROGRAMMAZZJONI**

KAPITOLU I

**KONTENUT TAL-PROGRAMMAZZJONI**

*Artikolu 15*

**Programmi għall-iżvilupp rurali**

1. Il-FAEŻR għandu jaġixxi fl-Istati Membri permezz ta' programmi għall-iżvilupp rurali. Dawn il-programmi jimplimentaw strateġija ta' żvilupp rurali permezz ta' sett ta' miżuri magħquda flimkien skont l-assi definiti fit-Titolu IV, li għall-kisba tagħhom ser titfittex għajnuna mill-FAEŻR.

Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jkopri perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013.

2. Stat Membru jista' jippreżenta jew programm wieħed għat-territorju kollu tiegħu jew sett ta' programmi reġjonali.

3. L-Istati Membri li jkollhom programmi reġjonali jistgħu wkoll jippreżentaw, għall-approvazzjoni, qafas nazzjonali li fih l-elementi komuni għal dawn il-programmi.

*Artikolu 16*

**Kontenut tal-programmi**

Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jinkludi:

(a) analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' punti dgħajfa u ta' saħħa, l-istrateġija magħżula biex dawn jiġu ttrattati u l-valutazzjoni ex-ante msemmija fl-Artikolu 85;

(b) ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet magħżula b'kont meħud tal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità u l-pjan strateġiku nazzjonali, kif ukoll l-impatt mistenni skont il-valutazzjoni *ex-ante*;

(c) informazzjoni dwar l-assi u l-miżuri proposti għal kull assi u d-deskrizzjoni tagħhom, inklużi l-objettivi u l-indikaturi speċifiċi verifikabbli msemmija fl-Artikolu 81 li jippermettu li jitkejlu l-progress, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-programm;

(d) pjan ta' finanzjament, li jinkludi żewġ tabelli:

— tabella li tistabbilixxi, f'konformità mal-Artikolu 69(4) u (5), il-kontribut totali tal-FAEŻR ppjanat għal kull sena. Fejn applikabbli, dan il-pjan ta' finanzjament għandu jindika separatament fi ħdan il-kontribut totali tal-FAEŻR l-approprjazzjonijiet previsti għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza. Il-kontribut annwali ppjanat tal-FAEŻR għandu jkun kompatibbli mal-Perspettivi Finanzjarji;

▼B

— tabella li tispeċifika għall-perijodu sħiħ ta' programmazzjoni l-kontribut Komunitarju totali ppjanat u l-finanzjament pubbliku nazzjonali korrispondenti għal kull assi, ir-rata ta' kontribut tal-FAEŻR għal kull assi u l-ammont assenjat għall-assistenza teknika. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika wkoll separatament il-kontribut ippjanat tal-FAEŻR għar-reġjuni eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza u l-finanzjament pubbliku nazzjonali korrispondenti;

(e) għall-informazzjoni, tqassim indikattiv skont id-daqs tal-ammonti inizjali f'termini ta' nefqa pubblika u privata;

(f) fejn applikabbli, tabella dwar il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għal kull assi f'konformità mal-Artikolu 89;

(g) l-elementi meħtieġa għall-valutazzjoni taħt ir-regoli tal-kompetizzjoni u, fejn applikabbli, il-lista ta' skemi ta' għajnuna awtorizzati taħt l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat li għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tal-programmi;

(h) informazzjoni dwar il-komplementarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-Politika Agrikola Komuni, permezz tal-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll mill-istrument Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd;

(i) programm li jimplimenta l-arranġamenti, inkluż:

(i) l-għażla mill-Istat Membru tal-awtoritajiet kollha previsti fl-Artikolu 74(2) u għall-informazzjoni deskrizzjoni fil-qosor tal-istruttura ta' ġestjoni u kontroll;

(ii) deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ;

(iii) id-dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-programm jiġi ppubbliċizzat;

(j) l-għażla tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6 u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet mal-imsieħba.

▼M6

*Artikolu 16a*

**Operazzjonijiet speċifiċi relatati ma' ċerti prijoritajiet**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2009, l-Istati Membri, fil-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, għandhom jipprevedu tipi ta' operazzjonijiet li għandhom il-prijoritajiet li ġejjin kif deskritti fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u speċifikati aktar fil-pjani ta' strateġija nazzjonali:

(a) tibdil fil-klima,

(b) enerġiji rinovvabbli,

(c) ġestjoni tal-ilma,

(d) bijodiversità,

(e) miżuri anċillari għar-ristrutturar tas-settur tal-ħalib,

(f) innovazzjoni marbuta mal-prijoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d),

▼M6

(g) infrastruttura tal-Internet tal-broadband fiż-żoni rurali.

It-tipi ta’ operazzjonijiet li għandhom jintrabtu mal-prijoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu mmirati lejn il-kisba ta’ effetti bħall-effetti potenzjali msemmija fl-Anness II. Lista indikattiva ta’ tali tipi ta’ operazzjonijiet u l-effetti potenzjali tagħhom tinsab fl-Anness II. Lista ta’ tipi ta’ operazzjonijiet marbuta mal-prijorità msemmija fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu tinsab fl-Anness III.

Il-programmi riveduti tal-iżvilupp rurali, relatata mal-operazzjonijiet imsemmija f’dan il-paragrafu għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mil-15 ta’ Lulju 2009.

2. Mill-1 ta’ Jannar 2009, għal tipi ta’ operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1, ir-rati tal-intensità tal-għajnuna ffissati fl-Anness I jistgħu jiżdiedu b’10 punti perċentwali.

3. Sal-31 ta’ Diċembru 2009, kull programm tal-iżvilupp rurali għandu jinkludi wkoll:

(a) il-lista tat-tipi ta’ operazzjonijiet u l-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 16(c) dwar it-tipi speċifiċi ta’ operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu;

(b) tabella li tistabbilixxi, għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2009 sal-31 ta’ Diċembru 2013, bil-miżura l-kontribut totali tal-Komunità għal tipi ta’ operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 u l-kontribut Komunitarju għal tipi ta’ operazzjonijiet imsemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 1.

▼B

*Artikolu 17*

**Bilanċ bejn l-objettivi**

1. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità lil kull wieħed mit-tliet objettivi msemmija fl-Artikolu 4 għandu jkopri mill-inqas 10 % tal-kontribut totali tal-FAEŻR għall-programm għall-assi 1 u 3 msemmija fit-Taqsimiet 1 u 3 rispettivament tal-Kapitolu I tat-Titolu IV u mill-inqas 25 % tal-kontribut totali tal-FAEŻR għall-programm għall-assi 2 imsemmi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu IV. Għall-programmi tad-Dipartimenti Franċiżi Extra-Ewropej, il-kontribut finanzjarju minimu tal-Komunità għall-assi 2 għandu jkun ta’ 10 %.

2. Ammont ta’ mill-inqas 5 % tal-kontribut totali tal-FAEŻR għall-programm għandu jiġi riżervat għall-assi 4 msemmi fit-Taqsima 4, tal-Kapitolu I tat-Titolu IV. Dan l-ammont jikkontribwixxi għall-persentaġġi stabbiliti fil-paragrafu 1. Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, il-kontribut finanzjarju minimu tal-Komunità għall-assi 4 ta’ 5 % jista’ jiġi applikat progressivament tul il-perijodu ta’ programmazzjoni b’tali mod li medjament mill-inqas 2,5 % tal-kontribut totali mill-FAEŻR jiġi riżervat għall-assi 4.

▼M1

Għall-Bulgarija u għar-Rumanija, għandha tiġi rispettata medja ta' għall-inqas 2,5 % tal-kontribut totali ta' l-FAEŻR għall-assi 4 matul il-perjodu 2010–2013. Kwalunkwe kontribut mill-FAEŻR għal dak l-assi matul il-perijodu 2007–2009 għandu jitqies għall-kalkolu ta' dik il-perċentwali.

▼M6

3. L-ammonti ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skont l-Artikolu 69(5a) u mill-2011, flimkien mal-ammonti ġġenerati skont l-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 tad- 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa [1] u l-ammont imsemmi fl-Artikolu 69(2a) ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jitqiesu fil-kontribut totali tal-FAEŻR li minnu l-kontribut finanzjarju Komunitarju minimu għal kull assi jiġi kkalkulat kif previst fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU II

## TĦEJJIJA, APPROVAZZJONI U REVIŻJONI

*Artikolu 18*

### Tħejjija u approvazzjoni

1. Il-programmi għall-iżvilupp rurali għandhom jiġu stabbiliti minn Stat Membru b'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni proposta għal kull programm għall-iżvilupp rurali, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 16.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programmi proposti abbażi tal-konsistenza tagħhom mal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità, mal-pjan strateġiku nazzjonali u ma' dan ir-Regolament.

Fejn il-Kummissjoni tqis li programm għall-iżvilupp rurali mhuwiex konsistenti mal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità, mal-pjan strateġiku nazzjonali jew ma' dan ir-Regolament, għandha titlob lill-Istat Membru biex jirrevedi l-programm propost kif meħtieġ.

4. Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jiġi approvat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

*Artikolu 19*

### Reviżjoni

1. Il-programmi għall-iżvilupp rurali għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid u, jekk meħtieġ, adattati għall-bqija tal-perijodu mill-Istat Membru wara l-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ. Ir-reviżjonijiet għandhom jieħdu kont tal-eżitu tal-evalwazzjonijiet u tar-rapporti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jissaħħaħ jew jiġi adattat il-mod kif jitqiesu l-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar talbiet għar-reviżjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali wara li Stat Membru jippreżenta talba bħal din f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). It-tibdil li jeħtieġ approvazzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi definit f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

[1] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

▼B

TITOLU IV

**APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP RURALI**

KAPITOLU I

**ASSI**

*TAQSIMA 1*

Assi 1

**Titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu u tal-foresterija**

*Artikolu 20*

**Miżuri**

L-appoġġ immirat għall-kompetittività tas-settur agrikolu u tal-foresterija għandu jikkonċerna:

(a) miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tal-għarfien u t-titjib tal-potenzjal uman permezz ta’:

(i) taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta’ informazzjoni, inkluż id-disseminazzjoni tal-għarfien xjentifiku u prassi innovattivi, għall-persuni li jaħdmu fis-settur agrikolu, tal-ikel u tal-foresterija;

(ii) l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ;

(iii) l-irtirar kmieni ta’ bdiewa u ħaddiema fl-azjendi agrikoli;

(iv) l-użu ta’ servizzi ta’ konsulenza min-naħa tal-bdiewa u d-detenturi ta' art forestali;

(v) l-istabbiliment ta’ servizzi ta’ ġestjoni tal-azjendi agrikoli, ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli u ta' konsulenza agrikola u ta' servizzi ta' konsulenza forestali;

(b) miżuri mmirati lejn ir-ristrutturazzjoni u l-iżvilupp tal-potenzjal fiżiku u l-promozzjoni tal-innovazzjoni permezz ta':

(i) il-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli;

(ii) it-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti;

(iii) iż-żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u tal-foresti;

(iv) il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta’ prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u dak tal-ikel u fis-settur tal-foresterija;

(v) it-titjib u l-iżvilupp tal-infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-foresterija;

(vi) ir-rikostituzzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilha ħsara minħabba diżastri naturali u l-introduzzjoni ta’ azzjonijiet ta’ prevenzjoni adegwati;

▼B

(c) miżuri mmirati għat-titjib tal-kwalità tal-produzzjoni u tal-prodotti agrikoli billi:

(i) tingħata għajnuna lill-bdiewa sabiex jadattaw għall-istandards eżiġenti bbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja;

(ii) jingħata appoġġ lill-bdiewa li jipparteċipaw fl-iskemi ta' kwalità tal-ikel;

(iii) jingħata appoġġ lill-gruppi ta' produtturi għal attivitajiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti taħt l-iskemi ta' kwalità tal-ikel;

▼M5

(d) miżuri transitorji dwar:

(i) l-appoġġ għall-azjendi agrikoli ta' semi-sussistenza li għaddejjin minn ristrutturar (għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja);

(ii) l-appoġġ għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi (għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja);

(iii) l-appoġġ għall-azjendi agrikoli li għaddejjin minn ristrutturar, inkluża d-diversifikazzjoni lil attivitajiet barra mis-settur agrikolu, minħabba riforma tal-organizzazzjoni tas-suq komuni.

▼B

Subtaqsima 1

## Kondizzjonijiet għal miżuri li jimmiraw għall-promozzjoni tal-għarfien u u għall-iżvilupp tal-potenzjal uman

*Artikolu 21*

### Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni

L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(i) m'għandux jinkludi korsijiet ta' tagħlim jew taħriġ li jagħmlu parti minn programmi jew sistemi normali ta' edukazzjoni agrikola jew dwar il-foresti fil-livell sekondarju jew f'livelli ogħla.

*Artikolu 22*

### Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(ii), għandu jingħata lil persuni li:

(a) għandhom inqas minn 40 sena u għall-ewwel darba qegħdin jist-abbilixxu azjenda agrikola bħala kapijiet tal-azjenda;

(b) għandhom kapaċitajiet u kompetenzi professjonali adegwati;

(c) jippreżentaw pjan kummerċjali għall-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli tagħhom.

▼B

2. L-appoġġ għandu jingħata sal-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 23*

**Irtirar kmieni**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(iii), għandu jingħata:

(a) lill-bdiewa li jiddeċiedu li jieqfu mill-attività agrikola tagħhom għall-fini li jittrasferixxu l-azjenda tagħhom lil bdiewa oħra;

(b) lill-ħaddiema f'azjendi agrikoli li jiddeċiedu li jwaqqfu definittivament kull xogħol ta' biedja wara t-trasferiment tal-azjenda.

2. Min jittrasferixxi l-azjenda agrikola għandu:

(a) ma jkollux inqas minn 55 sena iżda għadu mhux ta' età normali ta' rtirar meta jseħħ it-trasferiment jew ma jkunx 10 snin iżgħar mill-età normali ta' rtirar fl-Istat Membru kkonċernat meta jseħħ it-trasferiment;

(b) iwaqqaf definittivament kull attività kummerċjali ta' biedja;

(c) ikun ipprattika l-biedja għall-10 snin qabel it-trasferiment.

3. Min jieħu l-kontroll tal-azjenda agrikola għandu:

(a) jieħu post min jittrasferixxi billi jistabbilixxi ruħu kif previst fl-Artikolu 22, jew

(b) ikun bidwi ta' inqas minn 50 sena jew entità tad-dritt privat u jieħu f'idejh l-azjenda agrikola mingħand min ittrasferixxa sabiex iżid id-daqs tal-azjenda agrikola.

4. Il-ħaddiem fl-azjenda agrikola għandu:

(a) ma jkollux inqas minn 55 sena iżda għadu mhux ta' età normali ta' rtirar jew ma jkunx 10 snin iżgħar mill-età normali ta' rtirar fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) ikun iddedika mill-inqas nofs il-ħin tax-xogħol tiegħu matul il-ħames snin preċedenti għax-xogħol fl-azjenda agrikola bħala għajnuna familjari jew bħala ħaddiem fl-azjenda agrikola;

(c) ikun ħadem fl-azjenda agrikola ta' min qed jittrasferixxi għal mill-inqas l-ekwivalenti ta' sentejn full-time matul il-perijodu ta' erba' snin qabel l-irtirar kmieni ta' min qed jittrasferixxi;

(d) ikun jagħmel parti minn skema tas-sigurtà soċjali.

5. It-tul ta' żmien totali tal-appoġġ għall-irtirar kmieni m'għandux jaqbeż il-15-il sena għal min qed jittrasferixxi u għall-ħaddiem fl-azjenda agrikola. M'għandux imur lil hinn minn meta min qed jittrasferixxi jagħlaq 70 sena u mill-età normali ta' rtirar tal-ħaddiem fl-azjenda agrikola.

Meta, fil-każ ta' min jittrasferixxi, tiġi mħallsa pensjoni tal-irtirar mill-Istat Membru, għandu jingħata appoġġ għall-irtirar kmieni bħala supplement b'kont meħud tal-ammont tal-pensjoni nazzjonali tal-irtirar.

▼B

6. L-ammont massimu eliġibbli ta' appoġġ huwa stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 24*

**Użu ta' servizzi ta' konsulenza**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(iv) għandu jingħata sabiex jiġu mgħejuna l-bdiewa u d-detenturi ta' art forestali biex ilaħħqu mal-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu ta' servizzi ta' konsulenza għat-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tal-azjenda tagħhom.

Is-servizz ta' konsulenza lill-bdiewa għandu jkopri mill-inqas:

(a) ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba previsti fl-Artikoli 4 u 5 ta' u fl-Annessi III u IV għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(b) l-istandards ta' sigurtà fuq ix-xogħol ibbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja.

2. L-appoġġ għall-użu tas-servizzi ta' konsulenza għandu jkun limitat għall-massimi stabbiliti ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 25*

**Stabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni, sostituzzjoni u konsulenza**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(v) għandu jingħata sabiex jiġu koperti l-ispejjeż li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli, ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli u ta' konsulenza agrikola u ta' servizzi ta' konsulenza forestali u għandu jkun digressiv tul perijodu massimu ta' ħames snin mill-istabbiliment.

Subtaqsima 2

**Kondizzjonijiet għal miżuri li jimmiraw għar-ristrutturazzjoni u l-iżvilupp tal-potenzjal fiżiku u għall-promozzjoni tal-innovazzjoni**

*Artikolu 26*

**Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(b)(i) għandu jingħata għal investimenti tanġibbli u/jew mhux tanġibbli li:

(a) itejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-azjenda agrikola, u

(b) jirrispettaw l-istandards Komunitarji applikabbli għall-investiment ikkonċernat.

Meta jsiru investimenti sabiex ikun hemm konformità mal-istandards Komunitarji, jista' jingħata appoġġ biss għal dawk li jiġu magħmula għall-konformità mal-istandards Komunitarji li għadhom kif ġew introdotti. F'dak il-każ, perijodu ta' grazzja, li ma jaqbiżx is-36 xahar mid-data li fiha l-istandard isir obbligatorju għall-azjenda agrikola, jista' jingħata biex jintlaħaq dak l-istandard.

▼B

Fil-każ ta' bdiewa żgħażagħ li jirċievu l-appoġġ previst fl-Artikolu 20(a)(ii), jista' jingħata appoġġ għall-investimenti biex ikun hemm konformità mal-istandards Komunitarji eżistenti, meta dawn tal-aħħar jiġu identifikati fil-pjan kummerċjali msemmi fl-Artikolu 22(1)(c). Il-perijodu ta' grazzja li matulu jeħtieġ li jintlaħaq l-istandard, ma jistax jaqbeż is-36 xahar mid-data tal-istabbiliment.

2. L-appoġġ għandu jkunu limitat għar-rata massima stabbilita ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 27*

**Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti**

1. L-appoġġ għall-investiment previst fl-Artikolu 20(b)(ii), għandu jingħata għal foresti ta' proprjetà ta' sidien privati jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom jew ta' muniċipalitajiet jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Din il-limitazzjoni ma tapplikax għall-foresti tropikali jew subtropikali u għaż-żoni ta' boskijiet tat-territorji tal-Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-gżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extra-Ewropej.

2. L-investimenti għandhom ikunu bbażati fuq pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti għal azjendi forestali 'l fuq minn ċertu daqs li għandu jiġi definit mill-Istati Membri fil-programmi tagħhom.

3. L-appoġġ għandu jkunu limitat għar-rata massima stabbilita ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 28*

**Żieda fil-valur miżjud tal-prodotti agrikoli u forestali**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(b)(iii) għandu jingħata għal investimenti tanġibbli u/jew mhux tanġibbli li:

(a) itejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-intrapriża;

(b) jikkonċernaw:

— l-ipproċessar u/jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti koperti mill-Anness I għat-Trattat, ħlief il-prodotti tas-sajd, u tal-prodotti forestali, u/jew

— l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda marbuta mal-prodotti koperti mill-Anness I għat-Trattat, ħlief il-prodotti tas-sajd, u mal-prodotti forestali, u

(c) jirrispettaw l-istandards Komunitarji applikabbli għall-investiment ikkonċernat.

Meta jsiru investimenti għall-konformità mal-istandards Komunitarji, jista' jingħata appoġġ biss għal dawk li jsiru minn mikro-intrapriżi, kif imsemmi fil-paragrafu 3, biex jikkonformaw ma' standard Komunitarju li jkun għadu kif ġie introdott. F'dak il-każ, perijodu ta' grazzja, li ma jaqbiżx is-36 xahar mid-data li fiha l-istandard isir obbligatorju għall-intrapriża, jista' jingħata biex jintlaħaq l-istandard.

2. L-appoġġ għandu jkunu limitat għar-rata massima stabbilita ►M5 fl-Anness I ◄.

▼B

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 bir-rata massima tiegħu għandu jkun limitat għall-mikro-intrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-sens tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([1]). Ma japplika l-ebda limitu fuq id-daqs għar-rata massima fil-każ tat-territorji tal-Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Ġżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extra-Ewropej. Għal intrapriżi li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) ta' dik ir-Rakkomandazzjoni b'inqas minn 750 impjegat jew b'valur fuq il-bejgħ ta' inqas minn EUR 200 miljun, l-intensità massima tal-għajnuna hija mnaqqsa b'nofs. Fil-każ tal-foresterija, l-appoġġ għandu jkun limitat għall-mikro-intrapriżi.

L-appoġġ m'għandux jingħata lil intrapriżi f'diffikultà fis-sens tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' kumpanniji f'diffikultà ([2]).

*Artikolu 29*

**Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u dak tal-ikel u fis-settur tal-foresterija**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(b)(iv) għandu jingħata għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-produtturi primarji fis-settur agrikolu u tal-foresterija, l-industrija tal-ipproċessar u/jew partijiet terzi.

▼M5

Il-kooperazzjoni għandha tinvolvi mill-inqas żewġ atturi li minnhom mill-inqas wieħed ikun jew produttur primarju jew jappartjeni għall-industrija tal-ipproċessar.

▼B

2. L-appoġġ għandu jikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ispejjeż għall-kooperazzjoni.

*Artikolu 30*

**Infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-foresterija**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(b)(v), jista' jkopri b'mod partikolari operazzjonijiet relatati mal-aċċess għar-raba' u l-art forestali, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-provvista tal-enerġija u l-ġestjoni tal-ilma.

Subtaqsima 3

**Kondizzjonijiet għal miżuri li jimmiraw li jtejbu l-kwalità tal-produzzjoni u tal-prodotti agrikoli**

*Artikolu 31*

**Konformità mal-istandards ibbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(c)(i) għandu jikkontribwixxi parzjalment għall-ispejjeż imħallsa u d-dħul mitluf mill-bdiewa li jkollhom japplikaw standards fl-oqsma tal-protezzjoni ambjentali, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u l-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

---

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.
([2]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

▼B

Jeħtieġ li dawn l-istandards ikunu ġew introdotti reċentement fil-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta l-liġi Komunitarja u jkunu jimponu obbligi jew restrizzjonijiet ġodda fuq il-prassi agrikola li jkollhom impatt sinifikattiv fuq l-ispejjeż operattivi tipiċi tal-azjenda u jikkonċernaw numru sinifikattiv ta' bdiewa.

2. L-appoġġ għandu jingħata bħala għajnuna b'rata fissa, temporanja u digressiva fuq bażi annwali, għal tul massimu ta' 5 snin mid-data li fiha l-istandard isir obbligatorju f'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja. L-appoġġ għandu jkunu limitat għall-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 32*

**Parteċipazzjoni tal-bdiewa fi skemi ta' kwalità tal-ikel**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(c)(ii), għandu:

(a) ikopri biss il-prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(b) ikun għal skemi Komunitarji ta' kwalità tal-ikel, jew għal dawk rikonoxxuti mill-Istati Membri li jikkonformaw mal-kriterji preċiżi li għandhom jiġu definiti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2); skemi li l-uniku fini tagħhom huwa dak li jipprovdu livell ogħla ta' kontroll tar-rispett tal-istandards obbligatorji taħt il-liġi Komunitarja jew nazzjonali m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ;

(c) jingħata bħala ħlas annwali ta' inċentiv li l-livell tiegħu għandu jiġi determinat skont il-livell tal-ispejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi skemi appoġġati, għal tul massimu ta' 5 snin.

2. L-appoġġ għandu jkunu limitat għall-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 33*

**Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(c)(iii), għandu jikkonċerna l-prodotti koperti mill-appoġġ tal-iskemi ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 32. L-appoġġ għandu jkunu limitat għar-rata massima stabbilita ►M5 fl-Anness I ◄.

Subtaqsima 4

**Kondizzjonijiet għal miżuri transitorji**

*Artikolu 34*

**Biedja ta' semi-sussistenza**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(d)(i) għall-azjendi agrikoli li jipproduċu primarjament għall-konsum tagħhom stess u li jqiegħdu ukoll fis-suq proporzjon mill-prodotti tagħhom ("azjendi agrikoli ta' semi-sussistenza"), għandu jingħata lill-bdiewa li jippreżentaw pjan ta' żvilupp tan-negozju.

2. Wara tliet snin għandu jiġi vvalutat il-progress li sar fir-rigward tal-pjan ta' żvilupp tan-negozju msemmi fil-paragrafu 1.

▼B

3. L-appoġġ għandu jitħallas fil-forma ta' għajnuna b'rata fissa sa l-ammont massimu speċifikat ►M5 fl-Anness I ◄ u għal tul massimu ta' 5 snin.

4. L-appoġġ għandu jingħata fir-rigward tal-applikazzjonijiet approvati sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 35*

**Gruppi ta' produtturi**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 20(d)(ii) għandu jingħata sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment u l-funzjonament amministrattiv ta' gruppi ta' produtturi għall-finijiet ta':

(a) l-adattament tal-produzzjoni u l-prodotti tal-produtturi li huma membri ta' tali gruppi għar-rekwiżiti tas-suq;

(b) il-kummerċjalizzazzjoni konġunta tal-prodotti, inkluż it-tħejjija għall-bejgħ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-bejgħ, u l-forniment lix-xerrejja bl-ingrossa;

(c) l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar l-informazzjoni rigward il-produzzjoni, speċjalment rigward il-ħsad u d-disponibbiltà.

2. L-appoġġ għandu jingħata bħala għajnuna b'rata fissa f'pagamenti annwali għall-ewwel 5 snin wara d-data li fiha kien rikonoxxut il-grupp ta' produtturi. Dan għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-produzzjoni annwali tal-grupp li titqiegħed fis-suq, sal-limiti ffissati ►M5 fl-Anness I ◄.

3. L-appoġġ għandu jingħata lill-gruppi ta' produtturi li huma uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M5

*Artikolu 35a*

**Azjendi li għaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni tas-suq komuni**

1. Appoġġ previst fl-Artikolu 20(d)(iii) għal azjendi agrikoli li jgħaddu minn ristrutturar, inkluża diversifikazzjoni barra mill-attivitajiet agrikoli, minħabba riforma tal-organizzazzjoni tas-suq komuni għandhom jingħataw lil bdiewa li l-pagamenti diretti tagħhom huma mnaqqsa sa mill-2010 b'aktar minn 25 % meta mqabbla mal-2009 skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li jippreżentaw pjan ta' negozju.

2. Progress fir-rigward tal-pjan ta' negozju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi vvalutat wara tnax-il xahar.

3. L-appoġġ għandu jitħallas fil-forma ta' għajnuna ta' rata fissa digressiva u biss fis-snin 2011, 2012 u 2013. L-appoġġ għandu jiġi limitat għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness I u, fi kwalunkwe każ, m'għandux jeċċedi 50 % tat-tnaqqis ta' pagamenti diretti meta mqabbla mal-2009 skont ir-Regolament Nru 1782/2003.

▼B

*TAQSIMA 2*

Assi 2

**Titjib tal-ambjent u tal-kampanja**

*Artikolu 36*

**Miżuri**

L-appoġġ taħt din it-taqsima għandu jikkonċerna:

(a) miżuri mmirati lejn l-użu sostenibbli tal-art agrikola permezz ta':

(i) pagamenti għal żvantaġġi naturali lill-bdiewa f'żoni tal-muntanji;

(ii) pagamenti lill-bdiewa f'żoni żvantaġġati, minbarra żoni tal-muntanji;

(iii) pagamenti Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE;

(iv) pagamenti agro-ambjentali;

(v) pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali;

(vi) sostenn għall-investimenti mhux produttivi;

(b) miżuri mmirati lejn l-użu sostenibbli tal-art forestali permezz ta':

(i) appoġġ għall-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola;

(ii) appoġġ għall-ewwel stabbiliment ta' sistemi agroforestali fuq art agrikola;

(iii) appoġġ għall-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola;

(iv) pagamenti Natura 2000;

(v) pagamenti għall-ambjent forestali;

(vi) appoġġ għar-rikostituzzjoni tal-potenzjal forestali u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni;

(vii) appoġġ għal investimenti mhux produttivi.

Subtaqsima 1

**Kondizzjonijiet għal miżuri favur l-użu sostenibbli tal-art agrikola**

*Artikolu 37*

**Pagament għal żvantaġġ naturali f'żoni tal-muntanji u pagamenti għal żoni oħra bi żvantaġġi**

1. Il-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(i) u (ii) għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru ta' żona agrikola utilzzata (minn hawn 'il quddiem "ŻAU") fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE tal-24 ta' Novembru 1999 rigward id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet

▼B

għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli ([1]).

Il-pagamenti għandhom jikkumpensaw għall-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf tal-bdiewa relatati mal-iżvantaġġ għall-produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata.

2. Il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom fl-attività tagħhom ta' biedja f'żoni delimitati skont l-Artikolu 50(2) u (3) għal mill-inqas ħames snin mill-ewwel pagament.

3. Il-pagamenti għandhom ikun iffissati bejn l-ammont minimu u dak massimu mniżżla ►M5 fl-Anness I ◄.

F'każijiet debitament ġustifikati jistgħu jingħataw pagamenti ogħla mill-ammont massimu bil-kondizzjoni li l-ammont medju ta' dawn il-pagamenti kollha mogħtija fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat ma jaqbiżx dan l-ammont massimu.

4. Il-pagamenti għandhom ikunu digressivi 'l fuq minn livell massimu ta' superfiċi għal kull azjenda, li għandu jkun determinat fil-programm.

*Artikolu 38*

**Pagamenti Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(a)(iii), għandu jingħata kull sena u għal kull ettaru ta' ŻAU lill-bdiewa sabiex jikkumpensaw għall-ispejjeż imħallsa u d-dħul mitluf li jirriżultaw minn żvantaġġi fiż-żoni kkonċernati relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttivi 79/409/KEE, 92/43/KEE u 2000/60/KE.

2. L-appoġġ għandu jkunu limitat għall-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄. Għall-pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati, inkluż l-ammont massimu tal-appoġġ, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

*Artikolu 39*

**Pagamenti agro-ambjentali**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-appoġġ previst fl-Artikolu 36(a)(iv) fit-territorji kollha tagħhom, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

2. Il-pagamenti agro-ambjentali għandhom jingħataw lill-bdiewa li jieħdu impenji agro-ambjentali fuq bażi volontarja. Meta debitament ġustifikat sabiex jintlaħqu objettivi ambjentali, jistgħu jingħataw pagamenti agro-ambjentali lil ġesturi oħra tal-art.

3. Il-pagamenti agro-ambjentali jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti skont l-Artikoli 4 u 5 u l-Annessi III u IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 kif ukoll ir-rekwiżiti minimi għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali u identifikati fil-programm.

---

([1]) ĠU L 38, 12.2.2000, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2139/2004 (ĠU L 369, 16.12.2004, p. 26).

▼B

Dawn l-impenji għandhom jittieħdu bħala regola ġenerali għal perijodu bejn ħames u seba' snin. Fejn meħtieġ u ġustifikat, perijodu itwal għandu jiġi determinat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2) għal tipi partikolari ta' impenji.

▼M5

L-Istati Membri jistgħu jtemmu tali impenji, mingħajr obbligu għall-benefiċjarju kkonċernat li jirrimborża l-appoġġ li rċieva diġà, bil-kondizzjoni li:

(a) l-appoġġ taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 ikun reċentement imqiegħed għas-dispożizzjoni fil-qafas li fih jiġu applikati r-regoli li jipproduċu effetti agroambjentali ekwivalenti għal dawk tal-miżura agroambjentali li ngħalqet;

(b) tali appoġġ ma jkunx finanzjarjament anqas favorevoli għall-benefiċjarju kkonċernat;

(c) il-benefiċjarju kkonċernat ikun infurmat b'din il-possibbiltà fil-ħin li jaċċetta l-inpenji tiegħu.

▼B

4. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom ikopru l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-impenn magħmul. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispiża tat-transazzjoni.

Meta adatt, il-benefiċjarji jistgħu jintgħażlu abbażi ta' sejħiet għall-offerti, b'kont meħud tal-kriterji ta' effiċjenza ekonomika u ambjentali.

L-appoġġ għandu jkunu limitat għall-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

5. Jista' jingħata appoġġ għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 sa 4.

*Artikolu 40*

**Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali**

1. Il-pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali previsti fl-Artikolu 36(a)(v) għandhom jingħataw lill-bdiewa li jieħdu impenji għat-trattament xieraq tal-annimali fuq bażi volontarja.

2. Il-pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 4 u l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali u identifikati fil-programm.

Dawn l-impenji għandhom jittieħdu bħala regola ġenerali għal perijodu ta' bejn ħames u seba' snin. Fejn meħtieġ u ġustifikat, perijodu itwal għandu jiġi determinat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2) għal tipi partikolari ta' impenji.

3. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom ikopru l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-impenn magħmul. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru ukoll l-ispiża tat-transazzjoni.

L-appoġġ għandu jkunu limitat għall-ammont massimu stabbilit ►M5 fl-Anness I ◄.

▼B

*Artikolu 41*

**Investimenti mhux produttivi**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(a)(vi), għandu jingħata għal:

(a) l-investimenti marbuta mal-kisba tal-impenji li ttieħdu skont il-miżura prevista fl-Artikolu 36(a)(iv) jew objettivi agro-ambjentali oħra;

(b) l-investimenti fl-azjendi agrikoli li jsaħħu l-utilità pubblika ta' żona Natura 2000 jew żoni oħra ta' valur naturali għoli li għandhom jiġu ddefiniti fil-programm.

Subtaqsima 2

**Kondizzjonijiet għal miżuri favur l-użu sostenibbli tal-art forestali**

*Artikolu 42*

**Kondizzjonijiet ġenerali**

1. L-appoġġ taħt din is-subtaqsima għandu jingħata biss għal foresti u żoni ta' boskijiet ta' proprjetà ta' sidien privati jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom, jew ta' muniċipalitajiet jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Din il-limitazzjoni ma tapplikax għall-foresti tropikali jew subtropikali u għaż-żoni ta' boskijiet tat-territorji tal-Azores, il-Madejra u l-Gżejjer Kanarji, il-gżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extra-Ewropej.

Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għall-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(i), (iii), (vi) u (vii).

2. Il-miżuri proposti taħt din is-subtaqsima f'żoni kklassifikati bħala ta' riskju ta' nirien forestali għoli jew medju fil-qafas tal-azzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-foresti kontra n-nirien għandhom jikkonformaw mal-pjanijiet għall-protezzjoni tal-foresti stabbiliti mill-Istati Membri għal dawk iż-żoni.

*Artikolu 43*

**L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(i), għandu jkopri biss wieħed jew aktar minn dan li ġej:

(a) l-ispejjeż ta' stabbiliment;

(b) primjum annwali għal kull ettaru afforestat biex jikkontribwixxi biex ikopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni għal perijodu massimu ta' ħames snin;

(c) primjum annwali għal kull ettaru biex jikkontribwixxi biex ikopri t-telf ta' dħul li jirriżulta mill-afforestazzjoni għal perijodu massimu ta' 15-il sena għall-bdiewa jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom li ħadmu l-art qabel l-afforestazzjoni tagħha jew għal kwalunkwe persuna fiżika oħra jew entità tad-dritt privat.

▼B

2. L-appoġġ għall-afforestazzjoni ta’ art agrikola ta’ proprjetà ta’ awtoritajiet pubbliċi għandu jkopri biss l-ispejjeż ta’ stabbiliment. Jekk l-art agrikola li għandha tiġi afforestata hija mikrija minn persuna fiżika jew entità tad-dritt privat, jistgħu jingħataw l-premia annwali msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-appoġġ għall-afforestazzjoni ta’ art agrikola m’għandux jingħata:

(a) lill-bdiewa li jibbenefikaw minn appoġġ għall-irtirar kmieni;

(b) għat-tħawwil ta' siġar tal-Milied.

Fil-każ ta’ speċi li jikbru malajr għal kultivazzjoni għall-perijodu qasir, l-appoġġ għall-afforestazzjoni għandu jingħata biss għall-ispejjeż ta’ stabbiliment.

4. L-appoġġ għall-bdiewa jew persuni fiżiċi oħra u entitajiet tad-dritt privat għandu jkunu limitat għall-massimi stabbiliti ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 44*

**L-ewwel stabbiliment ta' sistemi agroforestali fuq art agrikola**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(ii), għandu jingħata lill-bdiewa biex joħolqu sistemi agroforestali billi jgħaqqdu flimkien is-sistemi agrikoli estensivi u dawk forestali. L-appoġġ għandu jkopri l-ispejjeż ta’ stabbiliment.

2. Sistemi agroforestali jirreferu għal sistemi ta’ użu tal-art li fihom jitkabbru s-siġar flimkien mal-agrikoltura fuq l-istess art.

3. Siġar tal-Milied u speċi li jikbru malajr għal kultivazzjoni għall-perijodu qasir għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ.

4. L-appoġġ għandu jkunu limitat għar-rata massima stabbilita ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 45*

**L-ewwel afforestazzjoni ta’ art mhux agrikola**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(iii) għall-afforestazzjoni ta’ art mhux eliġibbli taħt l-Artikolu 36, punt (b)(i) għandu jkopri l-ispejjeż ta’ stabbiliment. Fil-każ ta’ art agrikola abbandunata, l-appoġġ għandu jkopri wkoll il-primjum annwali kif imsemmi fl-Artikolu 43(1)(b).

2. M’għandux jingħata appoġġ għat-tħawwil ta' siġar tal-Milied.

3. Meta l-appoġġ li jkopri l-ispejjeż ta’ stabbiliment jingħata lil persuni fiżiċi jew entitajiet tad-dritt privat, dan għandu jkunu limitat għar-rata massima mniżżla ►M5 fl-Anness I ◄.

▼B

*Artikolu 46*

**Pagamenti Natura 2000**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(iv), għandu jingħata kull sena u għal kull ettaru ta' foresta lil sidien privati ta' foresti jew assoċjazzjonijiet tagħhom sabiex jikkumpensa għall-ispejjeż imħallsa u d-dħul mitluf li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' foresti u art oħra ta' boskijiet minħabba l-implimentazzjoni tad-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE fiż-żona kkonċernata. L-appoġġ għandu jkun iffissat bejn l-ammont minimu u dak massimu mniżżla ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 47*

**Pagamenti għall-ambjent forestali**

1. Il-pagamenti għall-ambjent forestali previsti fl-Artikolu 36(b)(v), għandhom jingħataw għal kull ettaru ta' foresta lill-benefiċjarji li jieħdu impenji fil-qasam tal-ambjent forestali fuq bażi volontarja. Dawn il-pagamenti għandhom ikopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti.

Dawn l-impenji għandhom jittieħdu bħala regola ġenerali għal perijodu ta' bejn ħames u seba' snin. Fejn meħtieġ u ġustifikat, perijodu itwal għandu jiġi determinat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2) għal tipi partikolari ta' impenji.

2. Dawn il-pagamenti għandhom ikopru l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenn magħmul. L-appoġġ għandu jkun iffissat bejn l-ammont minimu u dak massimu mniżżla ►M5 fl-Anness I ◄.

*Artikolu 48*

**Rikostituzzjoni tal-potenzjal tal-foresti u introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni**

1. L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(vi), għandu jingħata għar-rikostituzzjoni tal-potenzjal tal-foresti f'foresti li saritilhom il-ħsara minħabba diżastri naturali u nirien u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa.

2. L-azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien għandhom jikkonċernaw il-foresti kklassifikati mill-Istati Membri bħala ta' riskju ta' nirien forestali għoli jew medju skont il-pjanijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-foresti.

*Artikolu 49*

**Investimenti mhux produttivi**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 36(b)(vii) għandu jingħata għall-investimenti f'foresti:

(a) marbuta mal-kisba ta' impenji li ttieħdu skont il-miżura prevista fl-Artikolu 36(b)(v) jew objettivi ambjentali oħra;

(b) li jsaħħu l-utilità pubblika ta' foresti u art ta' boskijiet taż-żona kkonċernata.

▼B

Subtaqsima 3

**Delimitazzjoni taż-żoni**

*Artikolu 50*

**Żoni eliġibbli għall-pagamenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiddelimitaw iż-żoni eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) kif ukoll fil-punti (b)(i), (iii), (iv) u (vi) ta' dak l-Artikolu, b'kont meħud tal-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Sabiex ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(i), iż-żoni tal-muntanji għandhom ikunu kkaratterizzati minn limitazzjoni konsiderevoli tal-possibilitajiet li tintuża l-art u żieda sinifikanti fl-ispiża sabiex din tinħadem minħabba:

(a) l-eżistenza, minħabba l-altitudni, ta' kondizzjonijiet klimatiċi ferm diffiċli, li l-effett tagħhom huwa sostanzjalment li jqassru l-istaġun li fih tikber il-veġetazzjoni;

(b) f'altitudni aktar baxxa, il-preżenza fuq il-maġġoranza taż-żona inkwistjoni ta' pendenzi wieqfa wisq biex ikun jista' jintuża makkinarju jew li jeħtieġu l-użu ta' tagħmir speċjali li jqum ħafna flus, jew dawn iż-żewġ fatturi flimkien, fejn l-iżvantaġġ li jirriżulta minn kull wieħed meħud separatament huwa inqas qawwi iżda ż-żewġ fatturi flimkien jagħtu lok għal żvantaġġ ekwivalenti.

Iż-żoni fit-tramuntana tat-62 parallel u ċerti żoni adjaċenti għandhom jitqiesu bħala żoni tal-muntanji.

3. Sabiex ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(ii), żoni oħra minbarra ż-żoni tal-muntanji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu:

(a) affettwati minn żvantaġġi naturali sinifikanti, b'mod partikolari produttività baxxa tal-ħamrija jew kondizzjonijiet klimatiċi diffiċli u fejn iż-żamma tal-attività estensiva tal-biedja hija importanti għall-ġestjoni tal-art, jew

(b) affetwati minn żvantaġġi speċifiċi, u fejn għandha titkompla l-ġestjoni tal-art għall-konservazzjoni jew it-titjib tal-ambjent, is-salvagwardja tal-kampanja u l-preservazzjoni tal-potenzjal turistiku taż-żona jew sabiex ikun protett xatt il-baħar.

Rigward iż-żoni affettwati minn żvantaġġi speċifiċi msemmija fil-punt (b), huma għandhom ikunu magħmula minn żoni ta' biedja li jkunu omoġenji mill-aspett tal-kondizzjonijiet naturali ta' produzzjoni u l-estensjoni totali tagħhom m'għandhiex taqbeż l-10% tat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

4. Fil-programmi u f'konformità ma' dispożizzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu ddefiniti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2), l-Istati Membri għandhom:

— jikkonfermaw id-delimitazzjonijiet eżistenti skont il-paragrafi 2 u 3(b) jew jemendawhom, jew

— jiddelimitaw iż-żoni msemmija fil-paragrafu 3(a).

▼B

5. Żoni agrikoli Natura 2000 delimitati skont id-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE u żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta’ ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar skont id-Direttiva 2000/60/KE għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(iii).

6. Iż-żoni adatti għall-afforestazzjoni għal raġunijiet ambjentali bħall-protezzjoni kontra l-erożjoni jew l-estensjoni tar-riżorsi forestali li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(b)(i) u (iii).

7. Iż-żoni forestali Natura 2000 delimitati skont id-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE, għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(b)(iv).

8. Iż-żoni forestali b’riskju ta’ nirien forestali medju sa għoli għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(b)(vi) relatati ma’ azzjonijiet ta’ prevenzjoni kontra n-nirien.

### Subtaqsima 4

### Osservazzjoni tal-istandards

▼M5

*Article 50a*

#### Rekwiżiti ewlenin

1. Benefiċjarju li jirċievi pagamenti taħt l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), (iv) u (v) għandu jirrispetta, rigward l-azjenda sħiħa, ir-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba previsti fl-Artikoli 5 u 6 ta', u fl-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

L-obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal attivitajiet mhux agrikoli f'azjenda u żoni mhux agrikoli li għalihom ma jintalab l-ebda appoġġ skont l-Artikoli 36(b)(i), (iv) u (v) ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi lill-benefiċjarju, *inter alia* bl-użu ta' mezzi elettroniċi, lista ta' rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba li jridu jiġu rispettati.

▼B

*Artikolu 51*

#### Tnaqqis jew esklużjoni mill-pagamenti

▼M5

1. Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa “is-sena kalendarja kkonċernata”) ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti ta' ġestjoni statutorji u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' ommissjoni direttament attribwibbli lill-benefiċjarju li kien ippreżenta t-talba għal pagament taħt l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), (iv) u (v) fis-sena kalendarja kkonċernata, l-ammont totali ta' dawn il-pagamenti mogħti jew li ser jingħata lil dak il-benefiċjarju relatat mas-sena kalendarja kkonċernata għandu jitnaqqas jew ikun eskluż skont ir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 4.

▼M5

It-tnaqqis jew l-esklużjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw ukoll fejn ir-rekwiżiti minimi għall-użu ta' prodotti ta' fertilizzanti u protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 39(3) ma jkunx hemm konformità magħhom fi kwalunkwe żmien tas-sena kalendarja kkonċernata u n-nuqqas ta' konformità in kwistjoni hu r-riżultat ta' att jew ommissjoni direttament attribwibbli lill-benefiċjarju li ppreżenta t-talba għal pagament taħt l-Artikolu 36(a)(iv).

L-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità in kwistjoni tkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni marbuta direttament mal-persuna li lilha jew li mingħandha ġiet ittrasferita l-art.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art ma tibqax għad-dispożizzjoni ta' min jittrasferixxi.

B'deroga mit-tielet subparagrafu, fejn il-persuna li l-att jew ommissjoni huma attribwibbli direttament lilha tkun ippreżentat talba għal pagament fis-sena kalendarja kkonċernata, it-tnaqqis jew l-esklużjoni għandhom ikunu applikati għall-ammonti totali ta' pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw lil dik il-persuna.

2. It-tnaqqis jew l-esklużjoni tal-pagamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal standards li għalihom ingħata perijodu ta' konċessjoni skont l-Artikolu 26(1) waqt il-perijodu ta' konċessjoni.

Minkejja l-paragrafu 1 u f'konformità mal-kondizzjonjiet stabbiliti fir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis jew esklużjoni li tammonta għal EUR 100 jew anqas għal kull benefiċjarju u għal kull sena kalendarja.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla prevista fit-tieni subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-benefiċjarju jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Is-sejbiet u l-obbligu li tittieħed azzjoni ta' rimedju għandhom jiġu nnotifikati lill-benefiċjarju.

▼B

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-benefiċjarji fl-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja kif previst fl-Artikolu 143 b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, ir-rekwiżiti obbligatorji li għandhom jiġu osservati huma dawk previsti fl-Artikolu 5 u l-Anness IV għal dak ir-Regolament.

▼M4

Id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2008. Mill-1 ta' Jannar 2009 'l quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt A ta' l-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009;

(b) ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt B ta' l-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011;

(ċ) ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt Ċ ta' l-Anness III għandhom japplikaw mill- ►M5 1 ta' Jannar 2013 ◄.

▼M4

Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandha tkun fakultattiva sal-31 ta' Diċembru 2011, safejn dawk id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw il-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji. Mill-1 ta' Jannar 2012 bidwi li jirċievi pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:(a)

ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt A ta' l-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012;

(b) ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt B ta' l-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014;

(ċ) ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt Ċ ta' l-Anness III għandhom japplikaw ►M5 mill-1 ta' Jannar 2016 ◄.

L-Istati l-Membri l-ġodda jistgħu japplikaw ukoll l-alternattiva prevista fit-tieni subparagrafu fejn jiddeċiedu li jwaqqfu l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja qabel tmiem il-perijodu ta' l-applikazzjoni previst fil-paragrafu 143 b (9) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

▼M5

4. Regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). F'dan il-kuntest għandu jittieħed kont tas-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità misjuba kif ukoll tal-kriterji li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' negliġenza, il-perċentwali tat-tnaqqis m'għandux jaqbeż il-5 % u, f'każ ta' nuqqas ta' konformità repetittiv, 15 %.

F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ebda tnaqqis m'għandu jkun applikat fejn, minħabba s-severità, il-firxa u l-permanenza, każ ta' nuqqas ta' konformità għandu jkun ikkunsidrat bħala minuri. Madankollu, każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għall-pubbliku jew għal saħħet l-annimali m'għandhomx jitqiesu bħala minuri.

Sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju immedjata li twaqqaf in-nuqqas ta' konformità misjub, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa li jistgħu, fejn adatt, jkunu limitati għal kontroll amministrattiv, biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju jirrimedja s-sejba ta' nuqqas ta' konformità kkonċernata. Is-sejba ta' nuqqas ta' konformità minuri u l-obbligu li tittieħed azzjoni ta' rimedju għandhom jiġu nnotifikati lill-benefiċjarju.

(b) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, il-perċentwali ta' tnaqqis m'għandux bħala prinċipju jkun inqas minn 20 % u jista' jwassal anke għall-esklużjoni totali minn waħda jew diversi skemi ta' għajnuna u japplika għal sena kalendarja waħda jew iktar.

(c) F'kull każ, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda m'għandux ikun iktar mill-ammont totali imsemmi fl-Artikolu 51(1).

▼B

5. Il-paragrafi 1 sa 4 m'għandhomx japplikaw għall-Artikolu 39(5).

▼B

*TAQSIMA 3*

Assi 3

**Il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali**

*Artikolu 52*

**Miżuri**

L-appoġġ taħt din it-taqsima għandu jinvolvi:

(a) miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, inkluż:

(i) id-diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli,

(ii) l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' mikro-intrapriżi bil-ħsieb li tiġi promossa l-intraprenditorija u tiġi żviluppata n-nisġa ekonomika,

(iii) l-inkoraġġiment ta' attivitajiet turistiċi;

(b) miżuri għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali, inkluż:

(i) servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali,

(ii) ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp tal-irħula,

(iii) il-konservazzjoni u t-titjib tal-valur tal-wirt rurali;

(c) miżura għat-taħriġ u l-informazzjoni għall-atturi ekonomiċi li jaħdmu fl-oqsma koperti mill-assi 3;

(d) miżuri għall-kisba ta' kompetenzi u għall-animazzjoni bil-ħsieb tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġija lokali ta' żvilupp.

Subtaqsima 1

**Kondizzjonijiet li jirregolaw il-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali**

*Artikolu 53*

**Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli**

Il-benefiċjarju tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 52(a)(i) għandu jkun membru tal-familja agrikola.

*Artikolu 54*

**Appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp tan-negozju**

L-appoġġ previst fl-Artikolu 52(a)(ii) għandu jkun relatat mal-mikro-intrapriżi kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

▼B

*Artikolu 55*

**Inkoraġġiment tal-attivitajiet turistiċi**

L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52(a)(iii) għandu jkopri dan li ġej:

(a) l-infrastruttura fuq skala żgħira bħal ċentri ta' informazzjoni u s-senjalazzjoni ta' postijiet turistiċi;

(b) l-infrastruttura rikreattiva bħal dik li toffri aċċess għal żoni naturali, u akkomodazzjoni ta' kapaċità żgħira;

(c) l-iżvilupp u/jew it-tqegħid fis-suq ta' servizzi turistiċi relatati mat-turiżmu rurali.

Subtaqsima 2

**Kondizzjonijiet li jirregolaw il-miżuri għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali**

*Artikolu 56*

**Servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali**

L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52(b)(i) għandu jkopri l-istabbiliment ta' servizzi bażiċi, inklużi attivitajiet kulturali u tal-ħin liberu, li jikkonċernaw raħal jew grupp ta' rħula, u infrastruttura fuq skala żgħira relatata. ►M6 Il-limitazzjoni fid-daqs għall-infrastruttura m'għandhiex tapplika għall-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 16a(1). ◄

*Artikolu 57*

**Konservazzjoni u titjib fil-valur tal-wirt rurali**

L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52(b)(iii) għandu jkopri:

(a) it-tfassil ta' pjanijiet ta' protezzjoni u ġestjoni relatati mas-siti Natura 2000 u postijiet oħra ta' valur naturali għoli, l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali u investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-valur tal-wirt naturali u mal-iżvilupp ta' siti ta' valur naturali għoli;

(b) studji u investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-valur tal-wirt kulturali bħall-karatteristiċi kulturali tal-irħula u l-pajsaġġ rurali.

Subtaqsima 3

**Taħriġ, kisba ta' kompetenzi u animazzjoni**

*Artikolu 58*

**Taħriġ u informazzjoni**

L-appoġġ taħt l-Artikolu 52(c), m'għandux jinkludi korsijiet ta' tagħlim jew taħriġ li jagħmlu parti minn programmi jew sistemi normali tal-edukazzjoni f'livell sekondarju jew ogħla.

▼B

*Artikolu 59*

**Kisba ta’ kompetenzi, animazzjoni u implimentazzjoni**

L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52(d) għandu jkopri:

(a) studji taż-żona kkonċernata;

(b) miżuri biex tingħata informazzjoni dwar iż-żona u l-istrateġija lokali ta' żvilupp;

(c) it-taħriġ tal-persunal involut fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta’ strateġija lokali ta' żvilupp;

(d) avvenimenti ta’ promozzjoni u t-taħriġ ta’ animaturi;

(e) l-implimentazzjoni minn sħubiji pubbliċi-privati minbarra dawk iddefiniti fl-Artikolu 62(1)(b) tal-istrateġija lokali ta' żvilupp li tinkludi waħda jew aktar mill-miżuri taħt l-Artikolu 52(a), (b) u (c).

Subtaqsima 4

**Implimentazzjoni tal-assi**

*Artikolu 60*

**Demarkazzjoni**

Fejn miżura li taqa’ taħt din it-taqsima tirrigwarda operazzjonijiet eliġibbli anki taħt strument ta’ appoġġ Komunitarju ieħor, inklużi l-Fondi Strutturali u l-istrument Komunitarju ta' appoġġ għas-sajd, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi f’kull programm il-kriterji ta’ demarkazzjoni għall-operazzjonijiet appoġġati mill-FAEŻR u dawk appoġġati mill-istrument ta’ appoġġ Komunitarju l-ieħor.

*TAQSIMA 4*

Assi 4

**Leader**

*Artikolu 61*

**Definizzjoni tal-approċċ Leader**

L-approċċ Leader għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) strateġiji lokali ta' żvilupp bbażati fuq iż-żona maħsuba għal territorji rurali sub-reġjonali definiti b'mod ċar;

(b) sħubiji pubbliċi-privati fil-livell lokali (minn hawn 'il quddiem “Gruppi ta’ Azzjoni Lokali”);

(c) approċċ minn isfel għal fuq b’setgħa ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet għal gruppi ta’ azzjoni lokali dwar l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ strateġiji lokali ta' żvilupp;

(d) tfassil u implimentazzjoni multi-settorjali tal-istrateġija bbażati fuq l-interazzjoni bejn l-atturi u l-proġetti ta’ setturi differenti tal-ekonomija lokali;

▼B

(e) l-implimentazzjoni ta’ approċċi innovattivi;

(f) l-implimentazzjoni ta’ proġetti ta’ kooperazzjoni;

(g) in-netwerking ta’ sħubiji lokali.

*Artikolu 62*

**Gruppi ta’ azzjoni lokali**

1. L-approċċ ta’ żvilupp lokali bi sħab għandu jkun implimentat mill-Gruppi ta’ Azzjoni Lokali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jeħtieġ li jipproponu strateġija lokali integrata ta' żvilupp ibbażata mill-inqas fuq l-elementi mniżżla fl-Artikolu 61(a) sa (d) u (g), u jeħtieġ li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha;

(b) jeħtieġ li jkunu grupp diġà kkwalifikat għall-inizjattivi Leader II ([1]) jew għal-Leader+ ([2]) jew skont l-approċċ Leader, jew ikun grupp ġdid li jirrappreżenta msieħba mid-diversi setturi soċjo-ekonomiċi bbażati lokalment fit-territorju kkonċernat. Fil-livell ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, kif ukoll rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, bħall-bdiewa, in-nisa rurali, iż-żgħażagħ u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, iridu jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tas-sħubija lokali;

(c) jeħtieġ li juru abbiltà li jiddefinixxu u jimplimentaw strateġija ta’ żvilupp għaż-żona.

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li l-Gruppi ta’ Azzjoni Lokali jew jagħżlu attur prinċipali amministrattiv u finanzjarju kapaċi jamministra l-fondi pubbliċi u jiżgura l-funzjonament sodisfaċenti tas-sħubija, jew jersqu flimkien fi struttura komuni ffurmata legalment li l-kostituzzjoni tagħha tiggarantixxi l-funzjonament sodisfaċenti tas-sħubija u l-kapaċità ta’ amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi.

3. Iż-żona koperta mill-istrateġija għandha tkun koerenti u toffri massa kritika suffiċjenti f’termini ta’ riżorsi umani, finanzjarji u ekonomiċi biex issostni strateġija ta’ żvilupp vijabbli.

4. Il-Gruppi ta’ Azzjoni Lokali għandhom jagħżlu l-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-istrateġija. Huma jistgħu jagħżlu wkoll proġetti ta’ kooperazzjoni.

*Artikolu 63*

**Miżuri**

L-appoġġ mogħti taħt l-assi Leader għandu jkun għal:

(a) l-implimentazzjoni ta’ strateġiji lokali ta’ żvilupp kif imsemmi fl-Artikolu 62(1)(a), bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi ta’ wieħed jew aktar mit-tliet assi l-oħra ddefiniti fit-taqsimiet 1, 2 u 3;

(b) l-implimentazzjoni tal-proġetti ta’ kooperazzjoni li jinvolvu l-objettivi magħżula taħt il-punt (a);

(c) it-tmexxija tal-Grupp ta’ Azzjoni Lokali, il-kisba ta’ kompetenzi u l-animazzjoni tat-territorju kif imsemmi fl-Artikolu 59.

---

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri li jistipula linji gwida għal programmi operattivi globali jew integrati li għalihom l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjoni għall-assistenza fil-qafas ta' Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (LEADER II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

([2]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-14 ta’ April 2000 li jistabbilixxi linji gwida għall-inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader+) (ĠU C 139, 18.5.2000, p. 5). Komunikazzjoni kif emendata l-aħħar bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tal-14 ta’ April 2000 li jistabbilixxi linji gwida għall-inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader+) (ĠU C 294, 4.12.2003, p. 11).

▼B

*Artikolu 64*

**Implimentazzjoni tal-istrateġiji lokali**

Jekk l-operazzjonijiet taħt l-istrateġija lokali jikkorrispondu mal-miżuri ddefiniti f'dan ir-Regolament għall-assi l-oħra, il-kondizzjonijiet rilevanti għandhom japplikaw f'konformità mat-taqsimiet 1, 2 u 3.

*Artikolu 65*

**Kooperazzjoni**

1. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 63(b) għandu jingħata lil proġetti ta' kooperazzjoni inter-territorjali jew transnazzjonali.

"Kooperazzjoni inter-territorjali" tfisser kooperazzjoni fi Stat Membru. "Kooperazzjoni transnazzjonali" tfisser kooperazzjoni bejn it-territorji f'diversi Stati Membri u mat-territorji f'pajjiżi terzi.

2. Għandha tkun eliġibbli għall-appoġġ unikament in-nefqa relatata mat-territorji fil-Komunità.

3. L-Artikolu 64 għandu japplika wkoll għal proġetti ta' kooperazzjoni.

KAPITOLU II

**ASSISTENZA TEKNIKA**

*Artikolu 66*

**Finanzjament tal-assistenza teknika**

1. F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-FAEŻR jista' juża sa 0,25 % tal-allokazzjoni annwali tiegħu biex jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, appoġġ amministrattiv, evalwazzjoni u kontroll, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha. Dawn l-azzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 53(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dak ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu applikabbli għal din il-forma ta' esekuzzjoni tal-baġit.

2. Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, għal kull programm għall-iżvilupp rurali, il-FAEŻR jista' jiffinanzja attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u kontroll tal-assistenza tal-programm.

Sa 4 % tal-ammont totali għal kull programm jistgħu jkunu ddedikati għal dawn l-attivitajiet.

3. Fil-limitu stabbilit fil-paragrafu 2, għandu jiġi riżervat ammont għall-istabbiliment u l-funzjonament tan-netwerk rurali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 68.

L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jippreżentaw għall-approvazzjoni programm speċifiku għall-istabbiliment u l-funzjonament tan-netwerk rurali nazzjonali tagħhom.

---

(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

▼B

Id-dettalji li jikkonċernaw l-istabbiliment u l-funzjonament tan-netwerk rurali nazzjonali għandhom jiġu stipulati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

*Artikolu 67*

**Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

F'konformità mal-Artikolu 66(1), għandu jiġi stabbilit Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għan-networking ta' netwerks, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet nazzjonali attivi fil-qasam tal-iżvilupp rurali fil-livell Komunitarju.

L-għanijiet tan-Netwerk għandhom ikunu:

(a) il-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar miżuri Komunitarji għall-iżvilupp rurali;

(b) il-ġbir, id-disseminazzjoni u l-konsolidazzjoni fil-livell Komunitarju ta' prassi tajba fil-qasam tal-iżvilupp rurali;

(c) l-għoti ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi fiż-żoni rurali tal-Komunità u f'pajjiżi terzi;

(d) l-organizzazzjoni ta' laqgħat u seminars fil-livell Komunitarju għal dawk li huma involuti attivament fl-iżvilupp rurali;

(e) l-istabbiliment u t-tmexxija ta' netwerks ta' esperti bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' kompetenzi u jiġu appoġġati l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika għall-iżvilupp rurali;

(f) l-appoġġ għan-netwerks nazzjonali u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni trans-nazzjonali.

*Artikolu 68*

**Netwerk rurali nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi netwerk rurali nazzjonali, li jiġbor flimkien l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet involuti fl-iżvilupp rurali.

2. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 66(3) l-ewwel subparagrafu għandu jintuża:

(a) għall-istrutturi meħtieġa biex jitmexxa n-netwerk;

(b) għal pjan ta' azzjoni li jkun fih mill-inqas l-identifikazzjoni u l-analiżi ta' prassi tajba trasferibbli u l-għoti ta' informazzjoni dwarha, il-ġestjoni tan-netwerk, l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza u kompetenzi, it-tħejjija ta' programmi ta' taħriġ għal gruppi ta' azzjoni lokali li qed jiffurmaw u l-assistenza teknika għal kooperazzjoni inter-territorjali u trans-nazzjonali.

▼B

TITOLU V

## KONTRIBUT TAL-FAEŻR

*Artikolu 69*

### Ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom

1. L-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament mill-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali u l-ammont minimu li għandu jkun ikkonċentrat fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza għandu jkun stabbilit mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, f'konformità mal-perspettiva finanzjarja għall-perijodu mill-2007 sal-2013 u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja għall-istess perijodu.

2. 0,25 % tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ddedikati għall-assistenza teknika għall-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 66(1).

▼M6

2a. Il-parti tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 li tirriżulta miż-żieda tal-impenji globali kif stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/493/KE tat-13 ta’ Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-ammont ta’ appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f’reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta’ Konverġenza [1] kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/434/KE [2] għandha tkun allokata għal tipi ta’ operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikolu 16a(1) ta’ dan ir-Regolament.

▼B

3. Għall-finijiet tal-programmazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti tagħhom fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu indiċjati għal 2 % kull sena.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tqassim annwali skont l-Istat Membru tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, wara tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, u b’kont meħud ta':

(a) l-ammonti riservati għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta’ Konverġenza,

(b) ir-riżultati miksuba fil-passat, u

(c) is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet partikolari bbażati fuq kriterji oġġettivi.

5. Flimkien mal-ammonti msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont, bl-iskop tal-programmazzjoni, tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni kif previst fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

▼M6

5a. Ammont ekwivalenti għall-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skont l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 flimkien ma’, mill-2011, l-ammonti ġġenerati skont l-Artikolu 136 ta’ dak ir-Regolament għandu jintnefaq esklussivament mill-Istati Membri fil-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2010 sal-31 ta’ Diċembru 2015 bħala appoġġ Komunitarju

(1) ĠU L 195, 15.7.2006, p. 22 (MT: ĠU L 335 M, 13.12.2008, p. 370).
(2) ĠU L 144, 9.6.2009, p. 25.

▼M6

taħt il-programmi attwali tal-iżvilupp rurali għal operazzjonijiet tat-tipi msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 16a(1) ta' dan ir-Regolament.

Għall-Istati Membri l-ġodda, kif definit fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandu jkun mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015.

L-ewwel żewġ subparagrafi m'għandhomx japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Is-sehem tal-Istati Membri tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2a għandu jintefaq esklussivament mill-Istati Membri fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2015 bħala appoġġ Komunitarju taħt il-programmi attwali tal-iżvilupp rurali għal-operazzjonijiet tat-tipi msemmija fl-Artikolu 16a(1).

5b. Jekk fl-għeluq tal-programm, l-ammont reali tal-kontribuzzjoni Komunitarja li jkun intefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a(1), jkun anqas mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, id-differenza għandha tkun rimborżata mill-Istat Membru lill-baġit ġenerali tal-Komunitjiet Ewropej sal-ammont li bih l-allokazzjonijiet totali disponibbli għall-operazzjonijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 16a (1) jkunu nqabżu.

Barra minn hekk, jekk, fl-għeluq tal-programm, l-ammont reali tal-kontribuzzjoni Komunitarja li jkun intefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 16a (1), ikun anqas mill-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, id-differenza għandha tkun rimburżata mill-Istat Membru lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej sal-ammont li bih l-ammont tal-kontribuzzjoni Komunitarja li ntefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 16a (1) ikunu qabeż l-allokazzjonijiet disponibbli skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu. Madankollu, jekk l-ammont reali tal-kontribuzzjoni Komunitarja li jintefaq fuq operazzjonijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 16a(1) ikun anqas mill-allokazzjonijiet disponibbli għal dawk it-tipi ta' operazzjonijiet, l-ammont li għandu jkun rimburżat għandu jitnaqqas b'dik id-differenza.

▼M5

5c. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu m'għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

▼M2
▼C2

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-allokazzjonijiet annwali totali mill-FAEŻR li joriġinaw mis-Sezzjoni ta' Gwida ta' l-FAEGG għal kwalunkwe Stat Membru skond dan ir-Regolament, u mill-ERDF, l-ESF u s-CF, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([1]), inkluż il-kontribuzzjoni ta' l-ERDF skond ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ([3]), u mill-Fond Ewropew għas-Sajd skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE)

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
([2]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

▼**C2**

Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([1]), ma jaqbżux il-limiti li ġejjin:

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 hija inqas minn 40 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,7893 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 huwa ugwali għal jew iktar minn 40 % u inqas minn 50 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,7135 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 huwa ugwali għal jew iktar minn 50 % u inqas minn 55 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,6188 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 huwa ugwali għal jew iktar minn 55 % u inqas minn 60 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,5240 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 huwa ugwali għal jew iktar minn 60 % u inqas minn 65 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,4293 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 huwa ugwali għal jew iktar minn 65 % u inqas minn 70 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,3346 % tal-PGD tagħhom

— għal Stati Membri li l-medja tagħhom ta' DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 hija ugwali għal jew iktar minn 70 % u inqas minn 75 % tal-medja ta' l-UE-25: 3,2398 % tal-PGD tagħhom

— wara dan, il-livell massimu ta' trasferiment huwa mnaqqas b'0,09 ta' punt perċentwali tal-PGD għal kull żieda ta' 5 punti perċentwali tal-medja DGN (PPS) *per capita* għall-perijodu 2001-2003 meta mqabbel mal-medja ta' l-UE-25.

Kalkoli tal-PGD mill-Kummissjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-istatistika ppubblikata f'April 2005. Ir-rati ta' tkabbir nazzjonali individwali tal-PGD għall-2007-2013, kif proġettati mill-Kummissjoni f'April 2005 għandhom ikunu applikati għal kull Stat Membru b'mod separat.

Jekk huwa stabbilit fl-2010 li l-PGD kumulattiv ta' kwalunkwe Stat Membru għas-snin 2007-2009 tbiegħed b'aktar minn ±5 % mill-PGD kumulattiv stmat skond it-tieni subparagrafu, inkluż bħala konsegwenza ta' bidliet fir-rati tal-kambju, l-ammonti allokati għal dak il-perijodu għal dak l-Istat Membru skond l-ewwel subparagrafu għandhom ikunu aġġustati kif meħtieġ. L-effett nett totali, kemm jekk pożittiv jew negattiv, ta' dawn l-aġġustamenti ma jistax jaqbeż l-EUR 3 000 miljun. Fi kwalunkwe każ, jekk l-effett nett ikun pożittiv, ir-riżorsi addizzjonali totali għandhom ikunu limitati għal-livell ta' sotto-utilizzazzjoni fir-rigward tar-riżorsi massimi disponibbli għall-impenji mill-Fondi Strutturali u s-CF għas-snin 2007-2010. L-aġġustamenti finali għandhom ikunu mifruxin fi proporzjonijiet ugwali tul is-snin 2011-2013. Sabiex jiġi rifless il-valur taz-zloty Pollakka fil-perijodu ta' referenza, ir-riżultat ta' l-applikazzjoni tal-perċentwali msemmija fl-ewwel subparagrafu għall-Polonja għandu jiġi mmultiplikat b'ko-effiċjent ta' 1,04 għall-perijodu li jwassal sar-reviżjoni msemmija f'dan is-subparagrafu.

([1]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

▼B

*Artikolu 70*

**Kontribut mill-Fond**

1. Id-Deċiżjoni li tadotta programm għall-iżvilupp rurali għandha tistabbilixxi l-kontribut massimu mill-FAEŻR għal kull assi fil-limiti tal-flessibbiltà li għandha tiġi definita f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). Id-deċiżjoni għandha tidentifika b'mod ċar, fejn meħtieġ, l-approprjazzjonijiet allokati għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza.

2. Il-kontribut tal-FAEŻR għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ammont ta' nefqa pubblika eliġibbli.

3. Ir-rata tal-kontribut tal-FAEŻR għandha tkun stabbilita għal kull assi.

(a) Fil-każ tal-assi 1 (kompetittività) u l-assi 3 (diversifikazzjoni u kwalità tal-ħajja) kif ukoll għall-assistenza teknika skont l-Artikolu 66(2), il-limiti massimi li ġejjin għandhom japplikaw rispettivament:

(i) 75 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza;

(ii) 50 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.

(b) Fil-każ tal-assi 2 (titjib tal-ambjent u l-kampanja) u l-assi 4 (Leader), il-limiti massimi li ġejjin għandhom japplikaw rispettivament:

(i) 80 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza;

(ii) 55 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.

Ir-rata minima tal-kontribut tal-FAEŻR fil-livell tal-assi għandha tkun ta' 20 %.

4. Minkejja l-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafu 3, il-kontribut tal-FAEŻR jista' jiżdied għal 85 % għall-programmi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93.

▼M6

Minkejja l-limiti stabbiliti fil-paragrafu 3, il-kontribuzzjoni tal-FAEŻR tista' tiżdied sa 90 % għar-reġjuni ta' konverġenza u għal 75 % għar-reġjuni mhux ta' konverġenza għall-operazzjonijiet tat-tipi msemmija fl-Artikolu 16a(1), sal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skont l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammont imsemmi fl-Artikolu 69(2a) ta' dan ir-Regolament u, mill-2011, l-ammonti ġġenerati skont l-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

▼M2
▼C2

4a. Il-paragrafi 3 u 4 jistgħu, f'ċerti każi, ma japplikawx fil-Portugall għal ammont ta' EUR 320 miljun.

▼M6

4b. B'deroga mil-limiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR tista' tiżdied b'massimu ta' 10 punti perċentwali addizzjonali għal nefqa li għandha titħallas mill-Istati Membri fis-sena 2009. Il-limiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 għandhom, madankollu, jkunu rispettati għan-nefqa pubblika totali li ssir matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

▼B

5. Għall-Istati Membri li jagħżlu programm speċifiku skont l-Artikolu 66(3), it-tieni subparagrafu, il-limitu massimu tal-kontribut tal-FAEŻR għandu jkun ta' 50 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

6. Il-miżuri ta' assistenza teknika meħuda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha jistgħu jiġu ffinanzjati 100 %.

7. Nefqa kofinanzjata mill-FAEŻR m'għandhiex tkun kofinanzjata b'kontribut mill-Fondi Strutturali, il-FK jew kwalunkwe strument finanzjarju Komunitarju ieħor.

Din tista' tkun kofinanzjata taħt assi wieħed biss tal-programm għall-iżvilupp rurali. Fejn operazzjoni taqa' taħt miżuri minn aktar minn assi wieħed, in-nefqa għandha tkun attribwita lill-assi dominanti.

8. In-nefqa pubblika għall-għajnuna lill-intrapriżi għandha tkun konformi mal-limiti tal-għajnuna stabbiliti fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor.

*Artikolu 71*

**Eliġibbilità tan-nefqa**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribut tal-FAEŻR jekk l-għajnuna rilevanti hija fil-fatt imħallsa mill-aġenzija ta' pagament bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2015. Operazzjonijiet kofinanzjati m'għandhomx jitlestew qabel id-data tal-bidu tal-eliġibbilità.

Nefqa ġdida miżjuda fil-mument tal-modifika ta' programm imsemmi fl-Artikolu 19, għandha tkun eliġibbli mid-data ta' meta l-Kummissjoni tirċievi t-talba għal modifika tal-programm.

2. Nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribut tal-FAEŻR unikament meta magħmula għal operazzjonijiet deċiżi mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm inkwistjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, f'konformità mal-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti mill-korp kompetenti.

3. Ir-regoli dwar l-eliġibbilità tan-nefqa għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali, soġġett għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti minn dan ir-Regolament għal ċerti miżuri għall-iżvilupp rurali.

L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli għal kontribut tal-FAEŻR:

(a) il-VAT, ħlief il-VAT li ma tiġix irkuprata, meta din tkun imħallsa b'mod ġenwin u definittiv minn benefiċjarji li mhumiex persuni mhux taxxabbli msemmijin fl-Artikolu 4(5), l-ewwel subparagrafu, tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ([1]),

([1]) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

▼B

(b) l-interessi fuq id-dejn, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5,

(c) ix-xiri ta' art li tiswa' aktar minn 10 % tan-nefqa kollha eliġibbli għall-operazzjoni kkonċernata. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jista' jiġi ffissat persentaġġ ogħla għal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 m'għandhomx japplikaw għall-Artikolu 66(1).

5. Minkejja l-paragrafu 3(b) il-kontribut mill-FAEŻR jista' jsir f'forma li mhix dik ta' assistenza diretta li ma titħallasx lura. Ir-regoli dettaljati għandhom jiġu definiti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

*Artikolu 72*

**Durabbiltà tal-operazzjonijiet relatati mal-investimenti**

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli relatati mad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat, l-Istat Membru għandu jiżgura li operazzjoni ta' investiment iżżomm il-kontribut tal-FAEŻR jekk dik l-operazzjoni, fi żmien ħames snin mid-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Awtorità ta' Ġestjoni, ma tgħaddix minn modifika sostanzjali li:

(a) taffetwa n-natura jew il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha jew tagħti vantaġġ mhux debitu lil xi impriża jew korp pubbliku;

(b) tirriżulta minn bidla fin-natura tal-proprjetà ta' infrastruttura, jew mill-waqfien jew ir-rilokazzjoni ta' attività produttiva.

2. L-ammonti mħallsa indebitament għandhom ikunu rkuprati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

TITOLU VI

**ĠESTJONI, KONTROLL U INFORMAZZJONI**

KAPITOLU I

**ĠESTJONI U KONTROLL**

*Artikolu 73*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

Sabiex tiġi żgurata, fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża, ġestjoni finanzjarja soda skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni għandha twettaq il-miżuri u l-kontrolli stabbiliti fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

▼B

*Artikolu 74*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġislattivi, statutorji u amministrattivi kollha f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1290/2005 sabiex jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti b'mod effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu, għal kull programm għall-iżvilupp rurali, l-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-Awtorità ta' Ġestjoni, li tista' tkun korp pubbliku jew privat li jaġixxi fuq livell nazzjonali jew reġjonali, jew l-Istat Membru nnifsu meta jwettaq dak il-kompitu, li għandha tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-programm ikkonċernat;

(b) l-aġenzija ta' pagament akkreditata fis-sens tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005;

(c) il-korp ta' ċertifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, għal kull programm għall-iżvilupp rurali, li s-sistema rilevanti ta' ġestjoni u kontroll tkun ġiet stabbilita filwaqt li jiġu żgurati allokazzjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv tul il-perijodu kollu tal-programm.

4. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli f'konformità mar-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni stipulati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2), b'mod partikolari dwar it-tip u l-intensità tal-kontrolli, adattati għan-natura tal-miżuri differenti għall-iżvilupp rurali.

*Artikolu 75*

**Awtorità ta' Ġestjoni**

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti, effettiv u korrett u b'mod partikolari biex:

(a) tiżgura li l-operazzjonijiet jintgħażlu għall-finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm għall-iżvilupp rurali;

(b) tiżgura li hemm sistema biex tiġi reġistrata u tinżamm informazzjoni statistika dwar l-implimentazzjoni f'forma kompjuterizzata adatta għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(c) tiżgura li l-benefiċjarji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet:

(i) huma infurmati dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-għajnuna mogħtija, u jżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà adegwat għat-transazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjoni,

(ii) huma konxji tar-rekwiżiti dwar il-proviżjoni ta' data lill-Awtorità ta' Ġestjoni u r-reġistrazzjoni ta' outputs u riżultati;

▼B

(d) tiżgura li l-evalwazzjonijiet tal-programm jitwettqu fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u għall-preżentazzjoni tal-evalwazzjonijiet imwettqa lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u lill-Kummissjoni;

(e) tmexxi lill-Kumitat ta' Monitoraġġ u tibgħatlu d-dokumenti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm fid-dawl tal-objettivi speċifiċi tiegħu;

(f) tiżgura l-konformità mal-obbligi dwar il-pubbliċità msemmija fl-Artikolu 76;

(g) tfassal ir-rapport annwali ta' progress u, wara l-approvazzjoni mill-Kumitat ta' Monitoraġġ, tippreżentah lill-Kummissjoni;

(h) tiżgura li l-aġenzija ta' pagament tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri applikati u kwalunkwe kontroll imwettaq fir-rigward tal-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, qabel ma l-pagamenti jkunu awtorizzati.

2. Meta parti mill-kompiti tagħha tiġi ddelegata lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti.

KAPITOLU II

**INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ**

*Artikolu 76*

**Informazzjoni u pubbliċità**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar u jippubbliċizzaw il-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali, il-Programmi għall-Iżvilupp Rurali u l-kontribut Komunitarju.

Din l-informazzjoni għandha tkun immirata lejn il-pubbliku ġenerali. Għandha titfa' l-attenzjoni fuq ir-rwol tal-Komunità u tiżgura t-trasparenza tal-assistenza tal-FAEŻR.

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm għandha tkun responsabbli għall-pubbliċità tiegħu kif ġej:

(a) għandha tinforma lill-benefiċjarji potenzjali, l-organizzazzjonijiet professjonali, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-organizzazzjonijiet non-governattivi kkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet ambjentali, bil-possibbiltajiet offruti mill-programm u r-regoli biex jinkiseb aċċess għall-finanzjament tal-programm;

(b) għandha tinforma lill-benefiċjarji dwar il-kontribut Komunitarju;

(c) għandha tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar ir-rwol li għandha l-Komunità fil-programmi u r-riżultati tagħhom.

▼B

TITOLU VII

# MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

KAPITOLU I

## MONITORAĠĠ

*Artikolu 77*

### Kumitat ta' Monitoraġġ

1. Għal kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Monitoraġġ fi żmien massimu ta' tliet xhur wara d-deċiżjoni li tapprova l-programm.

Kull Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu fil-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru kkonċernat u jadottahom bi qbil mal-Awtorità ta' Ġestjoni sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Kull Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jkun ppresjedut minn rappreżentant tal-Istat Membru jew tal-Awtorità ta' Ġestjoni.

Il-kompożizzjoni tiegħu għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru u għandha tinkludi l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6(1).

Fuq l-inizjattiva tagħhom stess, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-Kumitat ta' Monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.

3. L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jistabbilixxu Kumitat nazzjonali ta' Monitoraġġ għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi fir-rigward tal-istrateġija nazzjonali u l-utilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji.

*Artikolu 78*

### Responsabbiltajiet tal-Kumitat ta' Monitoraġġ

Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jaċċerta l-effettività tal-implimentazzjoni tal-programm għall-iżvilupp rurali. Għal dak il-għan, il-Kumitat ta' Monitoraġġ:

(a) għandu jiġi kkonsultat, fi żmien erba' xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, dwar il-kriterji ta' selezzjoni għall-operazzjonijiet iffinanzjati. Il-kriterji ta' selezzjoni għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġijiet tal-programmazzjoni;

(b) għandu jirrevedi perjodikament il-progress magħmul lejn il-kisba tal-miri speċifiċi tal-programm, abbażi ta' dokumenti ppreżentati mill-Awtorità ta' Ġestjoni;

(c) għandu jeżamina r-riżultati tal-implimentazzjoni, b'mod partikolari l-kisba tal-miri stabbiliti għal kull assi u l-evalwazzjonijiet li jkunu qed isiru;

(d) għandu jikkunsidra u japprova r-rapport annwali ta' progress u l-aħħar rapport ta' progress qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni;

▼B

(e) jista' jipproponi lill-Awtorità ta' Ġestjoni kwalunkwe aġġustament jew reviżjoni tal-programm bil-għan li jinkisbu l-Objettivi tal-FAEŻR definiti fl-Artikolu 4 jew biex jittejbu l-ġestjoni tiegħu inkluż il-ġestjoni finanzjarja tiegħu;

▼M5

(f) għandu jikkunsidra u japprova kwalunkwe proposti sostanzjali għal tibdil fil-programmi tal-iżvilupp rurali.

▼B

*Artikolu 79*

**Proċeduri ta' monitoraġġ**

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom iwettqu monitoraġġ tal-kwalità tal-implimentazzjoni tal-programm.

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom iwettqu monitoraġġ ta' kull programm għall-iżvilupp rurali permezz ta' indikaturi finanzjarji, ta' output u ta' riżultati.

*Artikolu 80*

**Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni**

Il-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandu jitfassal f'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). Il-qafas għandu jispeċifika numru limitat ta' indikaturi komuni applikabbli għal kull programm.

*Artikolu 81*

**Indikaturi**

1. Il-progress, l-effiċjenza u l-effettività tal-programmi għall-iżvilupp rurali fir-rigward tal-objettivi tagħhom għandhom jitkejlu permezz ta' indikaturi marbuta mas-sitwazzjoni bażika kif ukoll mal-eżekuzzjoni finanzjarja, l-outputs, ir-riżultati u l-impatt tal-programmi.

2. Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jispeċifika numru limitat ta' indikaturi addizzjonali speċifiċi għal dak il-programm.

3. Fejn in-natura tal-assistenza tippermetti dan, id-data relatata mal-indikaturi għandha titqassam skont is-sess u l-età tal-benefiċjarji.

*Artikolu 82*

**Rapport annwali ta' progress**

1. Għall-ewwel darba fl-2008 u sat-30 ta' Ġunju kull sena, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tibgħat l-aħħar rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2016.

▼B

2. Kull rapport ta' progress annwali għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(a) kwalunkwe bidla fil-kondizzjonijiet ġenerali li jkollha impatt dirett fuq il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programm kif ukoll kwalunkwe bidla fil-linji ta' politika Komunitarji u nazzjonali li taffettwa l-konsistenza bejn il-FAEŻR u strumenti finanzjarji oħra;

(b) il-progress tal-programm fir-rigward tal-objettivi stabbiliti, abbażi tal-indikaturi ta' output u riżultati;

(c) l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programm li tagħti, għal kull miżura, dikjarazzjoni tan-nefqa mħallsa lill-benefiċjarji; jekk il-programm ikopri reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza, in-nefqa għandha tkun identifikata b'mod separat;

(d) sommarju tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni li qed isiru f'konformità mal-Artikolu 86(3);

(e) il-passi meħuda mill-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ biex jiżguraw il-kwalità u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-programm, b'mod partikolari:

(i) miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(ii) sommarju tal-problemi prinċipali li rriżultaw fil-ġestjoni tal-programm u kwalunkwe miżura meħuda, inkluż bi tweġiba għal kummenti magħmula taħt l-Artikolu 83;

(iii) l-użu tal-assistenza teknika;

(iv) passi meħuda biex jiġi żgurat li l-programm huwa pubbliċizzat f'konformità mal-Artikolu 76;

(f) dikjarazzjoni dwar il-konformità mal-linji ta' politika Komunitarji fil-kuntest tal-appoġġ, inkluż l-identifikazzjoni tal-problemi li rriżultaw u l-miżuri adottati biex jiġu solvuti;

(g) fejn applikabbli, l-użu mill-ġdid ta' għajnuna rkuprata taħt l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

3. Ir-rapport għandu jitqies ammissibbli bil-ħsieb tal-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jekk ikun fih l-elementi kollha elenkati fil-paragrafu 2 u jkun jippermetti l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni għandu jkollha xahrejn biex tikkummenta dwar ir-rapport ta' progress annwali wara li jkun intbagħat mill-Awtorità ta' Ġestjoni. Dan il-limitu ta' żmien għandu jiżdied għal ħames xhur għall-aħħar rapport tal-programm. Jekk il-Kummissjoni ma tweġibx fil-limitu ta' żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies bħala aċċettat.

4. Id-dettalji li jikkonċernaw ir-rapporti annwali ta' progress għal programmi speċifiċi skont l-Artikolu 66(3) għandhom jiġu stipulati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

▼B

*Artikolu 83*

**Eżami annwali tal-programmi**

1. Kull sena, meta jiġi ppreżentat ir-rapport ta' progress annwali, il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Ġestjoni għandhom jeżaminaw ir-riżultati prinċipali tas-sena preċedenti, skont il-proċeduri li għandhom jiġu determinati bi qbil mal-Istat Membru u l-Awtorità ta' Ġestjoni kkonċernati.

2. Wara dak l-eżami, il-Kummissjoni tista' tagħmel kummenti lill-Istat Membru u lill-Awtorità ta' Ġestjoni li ser tinforma lill-Kumitat ta' Monitoraġġ b'dan. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar azzjoni meħuda b'rispons għal dawn il-kummenti.

KAPITOLU II

**EVALWAZZJONI**

*Artikolu 84*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Il-programmi għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet ex-ante, ta' nofs it-term u ex-post f'konformità mal-Artikoli 85, 86 u 87.

2. L-evalwazzjonijiet għandhom jimmiraw għat-titjib tal-kwalità, l-effiċjenza u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali. Huma għandhom jivvalutaw l-impatt tal-programmi fir-rigward tal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità previsti fl-Artikolu 9 u l-problemi ta' żvilupp rurali speċifiċi għall-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati, b'kont meħud tar-rekwiżiti ta' żvilupp sostenibbli u l-impatt ambjentali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti.

3. L-evalwazzjoni għandha tkun organizzata, kif adatt, taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni.

4. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn valutaturi indipendenti. Ir-riżultati għandhom isiru disponibbli soġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]).

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għat-twettiq tal-evalwazzjonijiet, għandhom jorganizzaw il-produzzjoni u l-ġbir tad-data meħtieġa, u għandhom jużaw l-informazzjoni differenti pprovduta mis-sistema ta' monitoraġġ.

6. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiftiehmu dwar metodi u standards ta' evalwazzjoni li għandhom jiġu applikati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-qafas previst fl-Artikolu 80.

*Artikolu 85*

**Evalwazzjoni ex-ante**

1. L-evalwazzjoni ex-ante għandha tagħmel parti mit-tfassil ta' kull programm għall-iżvilupp rurali u għandha timmira lejn l-ottimizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji u t-titjib tal-kwalità

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

▼B

tal-programmazzjoni. Għandha tidentifika u tivvaluta l-ħtiġijiet fil-perijodu medju u fit-tul, l-għanijiet li jridu jinkisbu, ir-riżultati mistennija, il-miri kwantifikati partikolarment f'termini ta' impatt fir-rigward tas-sitwazzjoni bażika, il-valur miżjud tal-Komunità, safejn ittieħed kont tal-prijoritajiet tal-Komunità, il-lezzjonijiet meħuda mill-programmazzjoni preċedenti u l-kwalità tal-proċeduri għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja.

2. L-evalwazzjoni ex-ante għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru.

*Artikolu 86*

**Evalwazzjoni ta' nofs it-term u ex-post**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' evalwazzjoni in itinere għal kull programm għall-iżvilupp rurali.

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm u l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandhom jużaw l-evalwazzjoni in itinere biex:

(a) jeżaminaw il-progress tal-programm fir-rigward tal-għanijiet tiegħu permezz ta' indikaturi tar-riżultat, u fejn adatt, indikaturi tal-impatt;

(b) itejbu l-kwalità tal-programmi u l-implimentazzjoni tagħhom;

(c) jeżaminaw proposti għal tibdil sostantiv fil-programmi;

(d) iħejju għall-evalwazzjoni ta' nofs it-term u ex-post.

3. Mill-2008, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni in itinere lill-Kumitat ta' Monitoraġġ. Sommarju tal-attivitajiet għandu jkun inkluż fir-rapport ta' progress annwali previst fl-Artikolu 82.

4. Fl-2010, l-evalwazzjoni in itinere għandha tieħu l-forma ta' rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term separat. Dik l-evalwazzjoni ta' nofs it-term għandha tipproponi miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-programmi u l-implimentazzjoni tagħhom.

Sommarju tar-rapporti ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term għandu jitwettaq fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

5. Fl-2015, l-evalwazzjoni in itinere għandha tieħu l-forma ta' rapport ta' evalwazzjoni ex-post separat.

6. L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-term u ex-post għandhom jeżaminaw il-livell ta' użu tar-riżorsi, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-programmazzjoni tal-FAEŻR, l-impatt soċjo-ekonomiku tiegħu u l-impatt tiegħu fuq il-prijoritajiet tal-Komunità. Dawn għandhom ikopru l-għanijiet tal-programm u jimmiraw li jittieħdu lezzjonijiet dwar il-politika għall-iżvilupp rurali. Huma għandhom jidentifikaw il-fatturi li kkontribwew għas-suċċess jew il-falliment tal-implimentazzjoni tal-programmi, inkluż fir-rigward tas-sostenibbiltà, u jidentifikaw l-aħjar prassi.

7. Għandha tkun organizzata evalwazzjoni in itinere fuq l-inizjattiva tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Din għandha tkun organizzata fuq bażi pluriennali u tkopri l-perijodu 2007-2015.

▼B

8. Il-Kummissjoni għandha torganizza, fuq inizjattiva proprja, miżuri biex jiġu pprovduti taħriġ, skambji tal-aħjar prassi u informazzjoni għall-valutaturi in ininere, l-esperti fl-Istati Membri u l-membri tal-Kumitati ta' Monitoraġġ, kif ukoll evalwazzjonijiet tematiċi u sommarji.

*Artikolu 87*

**Sommarju tal-evalwazzjonijiet ex-post**

1. Għandu jsir sommarju tal-evalwazzjonijiet ex-post, taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istat Membru u l-Awtorità ta' Ġestjoni, li għandu jiġbor id-data meħtieġa għall-ikkompletar tiegħu.

2. Is-sommarju tal-evalwazzjonijiet ex-post għandu jkun kkompletat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016.

TITOLU VIII

**GĦAJNUNA MILL-ISTAT**

*Artikolu 88*

**Applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

1. Ħlief fejn previst b'mod ieħor f'dan it-Titolu, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Istati Membri.

▼M5

Madankollu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru mill-Istati Membri skont, u f'konformità ma', dan ir-Regolament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 36 tat-Trattat.

▼B

2. Għandha tkun ipprojbita l-għajnuna għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli li taqbeż il-persentaġġi mniżżla ►M5 fl-Anness I ◄, fir-rigward tal-Artikolu 26(2). Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal għajnuna għall-investimenti relatata ma':

(a) investimenti mwettqa b'mod predominanti fl-interess pubbliku u relatati mal-konservazzjoni ta' pajsaġġi tradizzjonali ffurmati minn attivitajiet agrikoli u forestali jew għar-rilokazzjoni ta' bini tal-azjendi agrikoli;

(b) il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent;

(c) it-titjib tal-kondizzjonijiet iġeniċi ta' impriżi ta' annimali ħajjin u t-trattament xieraq tal-annimali u dawk fir-rigward tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

3. Għandha tkun ipprojbita l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-bdiewa bħala kumpens għal żvantaġġi naturali f'żoni tal-muntanji u f'żoni oħra żvantaġġati jekk ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 37. Madankollu, tista' tingħata għajnuna addizzjonali li taqbeż l-ammonti ffissati f'konformità mal-Artikolu 37(3) f'każijiet debitament ġustifikati.

▼B

4. Għandha tkun ipprojbita l-għajnuna mill-Istat bħala sostenn għall-bdiewa li jidħlu f'impenji agro-ambjentali jew ta' trattament xieraq tal-annimali li jonqsu milli jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 39 u 40 rispettivament. Madankollu, tista' tingħata għajnuna addizzjonali li taqbeż l-ammonti massimi stabbiliti ►M5 fl-Anness I ◄, fir-rigward tal-Artikoli 39(4) u 40(3), jekk debitament ġustifikata. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tiġi permessa deroga debitament ġustifikata fir-rigward tad-durata minima ta' dawk l-impenji kif stabbilit fl-Artikoli 39(3) u 40(2).

5. Għandha tkun pprojbita l-għajnuna mill-Istat bħala sostenn għall-bdiewa li jadattaw għal standards eżiġenti bbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-protezzjoni ambjentali, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jekk ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31. Madankollu, tista' tingħata għajnuna addizzjonali li taqbeż l-ammonti massimi ffissati skont dak l-Artikolu biex tgħin lill-bdiewa jikkonformaw mal-leġislazzjoni nazzjonali li taqbeż l-istandards Komunitarji.

6. Fin-nuqqas ta' leġislazzjoni Komunitarja, għandha tkun ipprojbita l-għajnuna mill-Istat bħala sostenn għall-bdiewa li jadattaw għall-istandards eżiġenti bbażati fuq leġislazzjoni nazzjonali fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jekk ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31. Madankollu, tista' tingħata għajnuna addizzjonali li taqbeż l-ammonti massimi stabbiliti ►M5 fl-Anness I ◄, fir-rigward tal-Artikolu 31(2), jekk ġustifikat taħt l-Artikolu 31.

*Artikolu 89*

**Finanzjament nazzjonali addizzjonali**

L-għajnuna mill-Istat maħsuba biex tipprovdi finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali li għalih jingħata appoġġ Komunitarju, għandha tkun notifikata mill-Istati Membri u approvata mill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-programmazzjoni msemmija fl-Artikolu 16. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat m'għandhiex tapplika għall-għajnuna notifikata b'dan il-mod.

TITOLU IX

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 90*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn isir riferiment għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

▼B

*Artikolu 91*

**Regoli ta' implimentazzjoni**

Minbarra l-miżuri stabbiliti f'dispożizzjonijiet partikolari ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). Dawn għandhom ikopru b'mod partikolari:

(a) il-preżentazzjoni ta' programmi għall-iżvilupp rurali proposti;

(b) il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-miżuri għall-iżvilupp rurali.

*Artikolu 92*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Jekk ikunu meħtieġa miżuri speċifiċi għall-faċilitazzjoni tat-transizzjoni mis-sistema fis-seħħ għal dik stabbilita minn dan ir-Regolament, tali miżuri għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2).

2. Tali miżuri għandhom b'mod partikolari jkunu adottati sabiex ikun integrat appoġġ Komunitarju eżistenti approvat mill-Kummissjoni missezzjoni Gwida jew mis-sezzjoni Garanzija tal-FAEGG għal perijodu li jintemm fl-1 ta' Jannar 2007 fl-appoġġ għall-iżvilupp rurali previst f'dan ir-Regolament u biex ikunu koperti evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi tal-perijodu 2000-2006.

*Artikolu 93*

**Revoka**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkun revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(a), l-Artikolu 14(1), u l-ewwel żewġ inċiżi tal-Artikoli 14(2), l-Artikolu 15, l-Artikoli17 sa 20, l-Artikolu 51(3) u l-Artikolu 55(4), u l-parti tal-Anness I li tispeċifika l-ammonti taħt l-Artikolu 15(3). Dawn id-dispożizzjonijiet ser jiġu revokati b'effet mill-1 ta' Jannar 2010, soġġett għal att tal-Kunsill adottat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

Ir-riferimenti magħmula għar-Regolament revokat għandhom jiġu interpretati bħala magħmula għal dan ir-Regolament.

Ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkompli japplika għal azzjonijiet approvati mill-Kummissjoni taħt dak ir-Regolament qabel l-1 ta' Jannar 2007.

2. Id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu u jemendaw il-listi ta' żoni anqas vantaġġati adottati skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/97 huma b'dan revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, soġġett għal att tal-Kunsill adottat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

*Artikolu 94*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

Huwa għandu japplika għall-appoġġ Komunitarju li jikkonċerna l-perijodu ta' programmazzjoni li jibda fl-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, dan ir-Regolament m'għandux japplika qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-FEŻR, il-FSE u l-FK, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 9, 90, 91 u 92, li għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Minkejja t-tieni subparagrafu, l-Artikolu 37, l-Artikolu 50(2) sa (4) u l-Artikolu 88(3) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010, soġġett għal att tal-Kunsill adottat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

►M5 *ANNESS I* ◄

**AMMONTI U RATI TA' APPOĠĠ**

| Artikolu | Suġġett | Ammont f'euro jew rata | |
|---|---|---|---|
| 22(2) | Stabbiliment tal-appoġġ (*) | ►M5 70 000 ◄ | |
| 23(6) | Irtirar kmieni | 18 000 | Għal kull persuna li titrasferixxi kull sena |
| | | 180 000 | Ammont totali għal kull persuna li titrasferixxi |
| | | 4 000 | Għal kull ħaddiem kull sena |
| | | 40 000 | Ammont totali għal kull ħaddiem |
| 24(2) | Servizzi ta' konsulenza | 80 % | Tal-ispiża eliġibbli għal kull servizz ta' konsulenza |
| | | 1 500 | Ammont massimu eliġibbli |
| 26(2) | Intensità tal-għajnuna għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli | 60 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli minn bdiewa żgħażagħ fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) |
| | | 50 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli minn bdiewa oħra fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) |
| | | 50 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli minn bdiewa żgħażagħ f'żoni oħra |
| | | 40 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli minn bdiewa oħra f'żoni oħra |
| | | 75 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u fil-Gżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 |
| | | 75 % | ►M1 ►C1 Ta' l-ammont ta' investiment eliġibbli fl-Istati Membri li ngħaqdu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, u fil-Bulgarija u r-Rumanija, għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE (*) f'perjodu massimu ta' erba' snin mid-data ta' l-Adeżjoni skond l-Artikoli 3(2) u 5(1) ta' dik id-Direttiva. ◄ ◄ |
| 27(3) | Intensità tal-għajnuna għat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti | 60 % (**) | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) |
| | | 50 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'żoni oħra |
| | | 85 % (**) | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda |
| 28(2) | Intensità tal-għajnuna biex jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u forestali | 50 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza |
| | | 40 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra |
| | | 75 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda. |

▼B

| Artikolu | Suġġett | Ammont f'euro jew rata | |
|---|---|---|---|
| | | 65 % | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fil-Gżejjer tal-Eġew iż-żgħar fis-sens tar-Rego-lament (KEE) Nru 2019/93 |
| 31(2) | Ammont massimu ta' appoġġ biex jintlaħqu l-istandards | 10 000 | Għal kull azjenda |
| 32(2) | Ammont massimu ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni fi skemi ta' kwalità tal-ikel | 3 000 | Għal kull azjenda |
| 33 | Intensità tal-għajnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni | 70 % | Tal-ispiża eliġibbli tal-azzjoni |
| 34(3) | Ammont massimu għal azjendi agrikoli ta' semi-sussistenza | 1 500 | Għal kull azjenda agrikola kull sena |
| 35(2) | Gruppi ta' produtturi: limitu massimu, bħala persentaġġ tal-produzzjoni kummerċja-lizzata matul l-ewwel ħames snin wara r-rikonoxximent | 5 %, 5 %, 4 %, 3 %, u 2 % (***) | Għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena rispet-tivament għall-produzzjoni kummerċjalizzata sa EUR 1 000 000 |
| | | 2,5 %, 2,5 %, 2,0 %, 1,5 %, u 1,5 % | Għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena rispet-tivament għall-produzzjoni kummerċjalizzata li taqbeż EUR 1 000 000 |
| | Iżda li ma tkunx qabżet, fir-rigward ta' kull waħda mill-ewwel ħames snin, l-ammont ta' | 100 000 | Għall-ewwel sena |
| | | 100 000 | Għat-tieni sena |
| | | 80 000 | Għat-tielet sena |
| | | 60 000 | Għar-raba' sena |
| | | 50 000 | Għall-ħames sena |
| ▼M5 | | | |
| 35a(3) | Ammont massimu ta' appoġġ għar-ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni tas-suq komuni | | Għal kull azjenda |
| | | 4 500<br>3 000<br>1 500 | fl-2011<br>fl-2012<br>fl-2013 |
| ▼B | | | |
| 37(3) | Pagament minimu għaż-żoni bi żvantaġġ | 25 | Għal kull ettaru ta' ŻAU |
| | Pagament massimu għall-iżvantaġġi għal żoni tal-muntanji | 250 | Għal kull ettaru ta' ŻAU |
| | Pagament massimu għal żoni bi żvantaġġi oħra | 150 | Għal kull ettaru ta' ŻAU |
| 38(2) | Pagament inizjali massimu Natura 2000 għal perijodu li ma jaqbiżx il-ħames snin | 500 (****) | Għal kull ettaru ta' ŻAU |
| | Pagament massimu normali Natura 2000 | 200 (****) | Għal kull ettaru ta' ŻAU |
| 39(4) | Uċuħ tar-raba' annwali | 600 (****) | Għal kull ettaru |
| | Uċuħ tar-raba' perenni speċja-lizzati | 900 (****) | Għal kull ettaru |
| | Użi oħra tal-art | 450 (****) | Għal kull ettaru |
| | Razez lokali f'periklu li jintilfu għat-trobbija | 200 (****) | Għal kull unità ta' annimali ħajjin |
| 40(3) | Trattament xieraq tal-annimali | 500 | Għal kull unità ta' annimali ħajjin |

▼B

| Artikolu | Suġġett | Ammont f'euro jew rata | |
|---|---|---|---|
| 43(4) | Primjum annwali massimu biex ikopri t-telf ta' dħul mill-afforestazzjoni | | |
| | — għall-bdiewa jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom | 700 | Għal kull ettaru |
| | — għal kwalunkwe persuna fiżika oħra jew entità tad-dritt privat | 150 | Għal kull ettaru |
| 43(4), 44(4) u 45(3) | — Intensità tal-għajnun a għall-ispejjeż ta' stabbiliment | 80 % (**) | Tal-ispejjeż eliġibbli fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) |
| | | 70 % | Tal-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra |
| | | 85 % (**) | Tal-ispejjeż eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda |
| 46 u 47(2) | Pagament annwali Natura 2000 u għall-ambjent forestali | | |
| | — pagament minimu | 40 | Għal kull ettaru |
| | — pagament massimu | 200 (****) | Għal kull ettaru |

(1) Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

(*) L-appoġġ għall-istabbiliment jista' jingħata fil-forma ta' primjum wieħed sa massimu ta' EUR 40 000, jew fil-forma ta' sussidju għar-rata ta' interess, li l-valur kapitalizzat tagħha ma jistax jaqbeż l-EUR 40 000. Għaż-żewġ forom ta' appoġġ flimkien, il-massimu ma jistax jaqbeż il-EUR 55 000.

(**) ►M5 L-istabbiliment ta' appoġġ jista' jingħata fil-forma ta' primjum uniku sa massimu ta' EUR 40 000, jew fil-forma ta' sussidju ta' rata ta' interess, li l-valur kapitalizzat tiegħu ma jistax jeċċedi l-EUR 40 000. Għaż-żewġ forom ta' appoġġ ikkombinati, il-massimu ma jistax jeċċedi l-EUR 70 000. ◄

(***) Fil-każ ta' Malta, il-Kummissjoni tista tistabbilixxi ammont minimu ta' għajnuna għas-setturi ta' produzzjoni fejn l-output totali huwa estremament żgħir.

(****) ►M5 Dawn l-ammonti jistgħu jiżdiedu għat-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a u f'każijiet oħra eċċezzjonali billi jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi tal-iżvilupp rurali. ◄

▼M5

*ANNESS II*

►M6 **Lista indikattiva b'tipi ta' operazzjonijiet u l-effetti potenzjali relatati mal-prijoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 16a(1)** ◄

| Prijorità: Adattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima | | |
|---|---|---|
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
| Titjieb l-effiċjenza tal-użu tal-fertilizzant tan-nitroġenu (eż. tnaqqis fl-użu, tagħmir, agrikoltura ta' preċiżjoni), titjib fil-ħżin tad-demel | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$) u tal-ossidu nitruż ($N_2O$) |
| Titjib fl-effiċjenza tal-enerġija (eż. użu ta' materjali ta' kostruzzjoni li jnaqqsu t-telf tas-sħana) | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija<br>Artikolu 29: kooperazzjoni għal prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) permezz tal-iffrankar tal-enerġija |
| Mekkaniżmi preventivi kontra effetti negattivi ta' avvenimenti estremi relatati mal-klima (eż. it-tqegħid ta' xbieki għall-borra) | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli | Tnaqqis tal-effetti negattivi minn avvenimenti ta' temp estrem fuq il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola |
| Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija (eż. metodi tat-tkabbir tal-għelejjel, għelejjel li jikbru malajr, newbiet diversifikati tal-uċuh) | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Tnaqqis tal-ossidu nitruż ($N_2O$); l-iżolament tal-karbonju;<br>adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-ħamrija |
| Tibdil fl-użu tal-art (eż. il-bidla minn art li tinħarat għal mergħat, serħan permanenti tal-artijiet) | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali<br>Artikolu 41: investimenti mhux produttivi | Tnaqqis tal-ossidu nitruż ($N_2O$); iżolament tal-karbonju |
| Estensifikazzjoni tal-bhejjem (eż. tnaqqis tad-densità tal-istokkijiet) u ġestjoni ta' art erbaċea | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metanu ($CH_4$) u tal-ossidu nitruż ($N_2O$) |
| Tisġir, stabbiliment ta' sistemi ta' agro-forestrija | Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta' art mhux agrikola<br>Artikolu 44: l-ewwel stabbilitment ta' sistemi ta' agro-forestrija fuq art agrikola | Tnaqqis tal-ossidu nitruż ($N_2O$); iżolament tal-karbonju |
| Prevenzjoni tal-għargħar u miżuri ta' ġestjoni (eż. proġetti relatati mal-protezzjoni mill-għargħar tal-kosta u tal-art interna) | Artikolu 20: ir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola danneġġjat minn diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni adatti | Tnaqqis tal-effetti negattivi ta' avvenimenti ta' temp estrem relatati mat-tibdil fil-klima fuq il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola |
| Taħriġ u użu ta' servizzi konsultattivi għall-farms relatati mat-tibdil fil-klima | Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni<br>Artikolu 24: użu ta' servizzi konsultattivi<br>Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni | Provvediment ta' taħriġ u konsulenza lill-bdiewa biex inaqqsu l-gassijiet b'effett serra u biex jadattaw għat-tibdil fil-klima |
| Azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien fil-foresti u diżastri naturali relatati mal-klima | Artikolu 48: ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni | Iżolament tal-karbonju fil-foresti u l-evitar tal-emissjonijiet tal-ossidu tal-karbonju ($CO_2$); tnaqqis tal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti |

▼M5

| Prijorità: Adattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima | | |
|---|---|---|
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
| Bidla għal tipi ta' foresti aktar reżistenti | Artikolu 47: ambjent ta' foresti<br>Artikolu 49: investimenti mhux produttivi | Tnaqqis tal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti |

| Prijorità: Sorsi ta' enerġija li tiġġedded | | |
|---|---|---|
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
| Produzzjoni tal-bijogass — bl-użu ta' skart organiku (fuq il-produzzjoni mill-farms u lokali) | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli | Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; it-tnaqqis tal-metan ($CH_4$) |
| Uċuh perenni ta' enerġija (msaġar ta' newba qasira u ħxejjjex erbaċeji) | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli | Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; l-iżolament tal-karbonju; tnaqqis tal-ossidu nitruż ($N_2O$) |
| L-ipproċessar ta' bijomassa agrikola/ mill-foresti għall-enerġija li tiġġedded | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija<br>Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u dak tal-ikel u fis-settur tal-forestrija<br>Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli<br>Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ | Sostituzzjoni tal-karburanti fossili |
| Istalazzjonijiet/infrastruttura għall-enerġija rinnovabbli bl-użu ta' bijomassa u sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli (enerġija solari u mir-riħ, ġeotermali) | Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli<br>Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ<br>Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali<br>Artikolu 30: infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija | Sostituzzjoni tal-karburanti fossili |
| Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-enerġiji rinnovabbli | Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni<br>Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni | Sensibilizzazzjoni u għarfien u għaldaqstant, indirettament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-enerġiji rinnovabbli |

| Prijorità: Ġestjoni tal-Ilma | | |
|---|---|---|
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
| Teknoloġiji għall-iffrankar tal-ilma (eż. sistemi ta' irrigazzjoni effiċjenti)<br>Ħżin tal-ilma (inklużi żoni fejn ifur l-ilma)<br>Teknoloġiji għall-iffrankar tal-ilma (eż. varjazzjonijiet ta' ħsad adattati) | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 30: infrastruttura<br>Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija<br>Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Titjieb il-kapaċità ta' użu aktar effiċjenti tal-ilma u biex tittejjeb il-kapaċità ta' ħżin tal-ilma |

▼M5

| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
|---|---|---|
| Restawr ta' artijiet mistagħdra<br>Il-bidla ta' art agrikola f'art mistagħdra | Artikolu 41: investimenti mhux produttivi<br>Artikolu 39: pagamenti agroambjentali<br>Artikolu 38: pagamenti ta' Natura 2000 | Konservazzjoni ta' masses tal-ilma ta' valur għoli; protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma |
| Il-bidla ta' art agrikola f'foresta/sistemi ta' agroforestrija | Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta' art mhux agrikola | Protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma |
| Istalazzjonijiet għat-trattament tal-ilma użat fuq farms u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni | Artikolu 26: modern-izzazzjoni ta' azjendi agrikoli<br>Artikolu 28: żieda fil-valur tal-prodotti ta' art agrikola u tal-forestrija | Titjieb il-kapaċità ta' użu aktar effiċjenti tal-ilma |
| Żvilupp ta' masses tal-ilma semi-naturali<br>Ħolqien ta' xtut naturali<br>Xmajjar serpeġġjanti | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali<br>Artikolu 57: konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali | Konservazzjoni ta' masses tal-ilma ta' valur għoli; protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma |
| Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija (eż. uċuħ li jikbru malajr, biedja organika, il-bidla ta' art li tinħarat f'mergħat permanenti) | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Kontribut għat-tnaqqis ta' telf ta' komposti differenti fl-ilma, inkluż il-fosfru. |
| Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-ġestjoni tal-ilma | Artikolu 21: taħriġ profess-jonali u azzjonijiet ta' informazzjoni<br>Artikolu 58: taħriġ u inform-azzjoni | Sensibilizzazzjoni ta' kuxjenza u għarfien u għaldaqstant, indiret-tament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-ilma |

Prijorità: Bijodiversità

| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
|---|---|---|
| Ma jiġux applikati fertilizzanti u pestiċidi fuq art agrikola ta' valur naturali għoli<br>Forom estensivi ta' ġestjoni tal-bhejjem<br>Produzzjoni integrata u organika | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Konservazzjoni ta' tipi ta' veġetazzjoni rikki fl-ispeċi, protezzjoni u żamma fl-ordni ta' artijiet erbaċei |
| Għelieqi perenni u meded ta' konfini f'xtut ix-xmajjar u biobeds<br>Stabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni għal Natura 2000<br>Bini/ġestjoni ta' bijotopi/habitats ġewwa jew 'il barra mis-siti ta' Natura 2000<br>Bidla fl-użu tal-art (ġestjoni estensiva ta' art erbaċea, bidla ta' art ikkultivata f'mergħa permanenti, serħan tal-artijiet għall-perijodu ta' żmien twil)<br>Ġestjoni ta' pjanti perenni ta' valur naturali għoli<br>Stabbiliment u preservazzjoni ta' msaġar ta' mergħat | Artikoli 38 u 46: pagamenti ta' Natura 2000<br>Artikolu 39: pagamenti agroambjentali<br>Artikolu 41: investimenti mhux produttivi<br>Artikolu 47: pagamenti għall-foresti u għall-ambjent<br>Artikolu 57: konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali | Għasafar u annimali salvaġġi oħrajn protetti u netwerk tal-bijotopi imtejjeb; inqas dħul ta' sustanzi ta' ħsara f'habitats konfinali; konservazzjoni ta' fawna u flora protetti |
| Konservazzjoni ta' diversità ġenetika | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Diversità ġenetika konservata |

▼M5

| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
|---|---|---|
| Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-bijodiversità | Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni<br>Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni | Sensibilizzazzjoni ta' kuxjenza u għarfien u għaldaqstant, indirettament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-bijodiversità |
| Prijorità: Miżuri li jakkumpanjaw ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib | | |
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri | Effetti potenzjali |
| Appoġġ għall-investiment relatat mal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib | Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli | Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija |
| Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-bijodiversità | Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija | Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija |
| Innovazzjoni relatata mas-settur tal-prodotti tal-ħalib | Artikolu 29: kooperazzjoni għal iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija |
| Primjums għall-art tal-mergħa u produzzjoni estensiva tal-bhejjem produzzjoni organika relatata mal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib; primjums għall-mergħat permanenti f'żoni żvantaġġati; primjums għall-mergħat | Artikolu 39: pagamenti agroambjentali | Tisħiħ tal-effetti ambjentali pożittivi tas-settur tal-prodotti tal-ħalib |
| Prijorità: Approċċi innovattivi rilevanti għall-prijoritajiet taħt l- Artikolu 16a(1)(a), (b), (c) u (d) | | |
| Operazzjonijiet innovattivi biex jitrattaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u miżuri ta' adattament | Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG (gassijiet b'effett serra) u adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima |
| Operazzjonijiet innovattivi biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli | Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Sostituzzjoni tal-karburanti fossili u tnaqqis tal-GHG; |
| Operazzjonijiet innovattivi biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ilma | Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Tittejjeb il-kapaċità tal-użu aktar effiċjenti tal-ilma u biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma |
| Operazzjonijiet innovattivi biex tiġi appoġġata l-konservazzjoni tal-bijodiversità | Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda | Jitwaqqaf it-telf fil-bijodiversità |

▼**M6**

*ANNESS III*

**Lista bit-tipi ta' operazzjonijiet relatati mal-prijorità msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 16a(1)**

| Prijorità: Infrastruttura tal-broadband fiż-żoni rurali | |
|---|---|
| Tipi ta' operazzjonijiet | Artikoli u miżuri |
| Il-ħolqien ta' u l-kapaċità għall-aċċess għall-infrastruttura tal-broadband li tinkludi faċilitajiet għat-twassil tas-servizzi (backhaul) u ta' tagħmir tal-art (eż. teknoloġiji fissi, teknoloġiċi terrestri bla fili, ibbażati fuq is-satelliti jew kombinazzjoni ta' teknoloġiji) | Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali |
| Titjib tal-infrastruttura tal-broadband eżistenti | Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali |
| Installazzjoni tal-infrastruttura tal-broadband passiva (pereżempju: xogħlijiet ta' inġinerija ċivili bħal kanali, u elementi ta' netwerk oħrajn bħal fibra skura eċċ) ukoll f'sinerġija ma' infrastrutturi oħrajn (netwerks ta' enerġija, trasport, ilma, dranaġġ eċċ). | Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali |